Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

2024/2107(INI)

7.2.2025

EMENDI
1 - 276

Abbozz ta' rapport
Jacek Protas
(PE766.926v01-00)

Id-disa' rapport dwar il-koeżjoni ekonomika u soċjali
(2024/2107(INI))

Emenda 1
Sérgio Gonçalves, Marcos Ros Sempere, Hannes Heide, Rosa Serrano Sierra, Nora Mebarek, Sabrina Repp, Matthias Ecke

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 12a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Aġenda Urbana għall-UE tat-30 ta' Mejju 2016,

Or. en

Emenda 2
Sérgio Gonçalves, Marcos Ros Sempere, Hannes Heide, Rosa Serrano Sierra, Nora Mebarek, Sabrina Repp, Matthias Ecke

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 13a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Aġenda Territorjali għall-2030 tal-1 ta' Diċembru 2020,

Or. en

Emenda 3
Sérgio Gonçalves, Marcos Ros Sempere, Hannes Heide, Rosa Serrano Sierra, Nora Mebarek, Sabrina Repp, Matthias Ecke

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 14a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-inizjattiva URBACT għal kooperazzjoni urbana sostenibbli, stabbilita fl-2002,

Or. en

Emenda 4
Sérgio Gonçalves, Marcos Ros Sempere, Hannes Heide, Rosa Serrano Sierra, Nora Mebarek, Sabrina Repp, Matthias Ecke

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 15a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-istudju bit-titolu "The future of EU cohesion: Scenarios and their impacts on regional inequalities" (Il-futur tal-koeżjoni tal-UE: Xenarji u l-impatti tagħhom fuq l-inugwaljanzi reġjonali), ippubblikat mis-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew f'Diċembru 2024,

Or. en

Emenda 5
Sandro Gozi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 16a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Settembru 2021 "Lejn sħubija aktar b'saħħitha mar-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE[1a]",
	[1a] https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2021-0368_MT.html

Or. en

Emenda 6
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 18a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Ġunju 2018 dwar il-Politika ta' Koeżjoni u l-Ekonomija Ċirkolari (2017/2211(INI),

Or. en

Emenda 7
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 18b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Marzu 2021 dwar il-politika ta' koeżjoni u l-istrateġiji ambjentali reġjonali fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima,

Or. en

Emenda 8
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 18c (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Mejju 2021 dwar it-treġġigħ lura tax-xejriet demografiċi fir-reġjuni tal-UE bl-użu tal-istrumenti tal-politika ta' koeżjoni,

Or. en

Emenda 9
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 18d (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Ottubru 2023 dwar possibbiltajiet biex tiżdied l-affidabbiltà tal-awditi u l-kontrolli mill-awtoritajiet nazzjonali fl-ambitu tal-ġestjoni kondiviża,

Or. en

Emenda 10
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 21a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-ftehim adottat fil-21 Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima (COP21) f'Pariġi fit-12 ta' Diċembru 2015 (il-Ftehim ta' Pariġi),

Or. en

Emenda 11
Jacek Protas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 21a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapport bit-titolu "The future of European competitiveness – A competitiveness strategy for Europe" (Il-futur tal-kompetittività Ewropea – Strateġija dwar il-kompetittività għall-Ewropa), ippubblikat mill-Kummissjoni Ewropea fid-9 ta' Settembru 2024,

Or. en

Emenda 12
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 21b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Rapport tal-EEA Nru 1/2024 - European Climate Risk Assessment (EUCRA) (Valutazzjoni tar-Riskju Klimatiku fl-Ewropa (EUCRA)),

Or. en

9 September 2024Emenda 13
Ľubica Karvašová, Ciaran Mullooly, Sandro Gozi, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Dan Barna

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 22a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2025/XXXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-[DAĦĦAL ID-DATA] dwar l-Istrument għall-Iżvilupp u t-Tkabbir tar-Reġjuni tal-Fruntiera fl-UE (BRIDGEforEU) [DAĦĦAL NOTA F'QIEGĦ IL-PAĠNA LADARBA JIĠI

PPUBBLIKAT FIL-ĠU],

Or. en

Emenda 14
Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 22a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Mejju 2022 bit-titolu "Inpoġġu lin-nies l-ewwel, niżguraw tkabbir sostenibbli u inklużiv, nilliberaw il-potenzjal taż-żoni ultraperiferiċi tal-UE",

Or. pt

Emenda 15
Rody Tolassy

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi l-politika ta' koeżjoni hija l-għodda ewlenija tal-UE għall-investiment fl-iżvilupp ekonomiku u soċjali madwar l-UE skont l-oqfsa finanzjarji pluriennali tagħha għall-perjodi 2014-2020 u 2021-2027;	A. billi l-politika ta' koeżjoni hija l-għodda ewlenija tal-UE għall-investiment fl-iżvilupp ekonomiku u soċjali madwar l-UE skont l-oqfsa finanzjarji pluriennali tagħha għall-perjodi 2014-2020 u 2021-2027; ***f'konformità mal-Artikolu 349 tat-TFUE, ir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni Ewropea jibbenefikaw minn status speċjali minħabba l-karatteristiċi strutturali, ekonomiċi u soċjali speċifiċi tagħhom, inklużi l-pożizzjoni mbiegħda, l-insularità u d-dipendenza ekonomika tagħhom. Sabiex tiġi ggarantita applikazzjoni effettiva tal-prinċipji tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, huwa importanti li r-reġjuni***

ultraperiferiċi Franċiżi jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-fondi ta' koeżjoni u li l-kriterji ta' eliġibbiltà jiġu adattati għall-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom;

Or. fr

Emenda 16
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi l-politika ta' koeżjoni hija l-għodda ewlenija tal-UE ***għall-investiment*** fl-iżvilupp ekonomiku u soċjali madwar l-UE skont l-oqfsa finanzjarji pluriennali tagħha għall-perjodi 2014-2020 u 2021-2027;	A. billi l-politika ta' koeżjoni hija l-għodda ewlenija tal-UE ***għall-investimenti*** fl-iżvilupp ekonomiku u soċjali ***sostenibbli*** madwar l-UE***, tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, għall-SDGs u għall-objettivi tal-Patt Ekoloġiku,*** skont l-oqfsa finanzjarji pluriennali tagħha għall-perjodi 2014-2020 u 2021-2027;

Or. en

Emenda 17
Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi l-politika ta' koeżjoni hija l-għodda ewlenija tal-UE għall-investiment fl-iżvilupp ekonomiku ***u*** soċjali madwar l-UE skont l-oqfsa finanzjarji pluriennali tagħha għall-perjodi 2014-2020 u 2021-2027;	A. billi l-politika ta' koeżjoni hija l-għodda ewlenija tal-UE għall-investiment fl-iżvilupp ekonomiku***,*** soċjali ***u ambjentali*** madwar l-UE skont l-oqfsa finanzjarji pluriennali tagħha għall-perjodi 2014-2020 u 2021-2027;

Or. fr

Emenda 18
Elena Nevado del Campo, Maravillas Abadía Jover

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi l-politika ta' koeżjoni hija l-għodda ewlenija tal-UE għall-investiment fl-iżvilupp ekonomiku u soċjali madwar l-UE skont l-oqfsa finanzjarji pluriennali tagħha għall-perjodi 2014-2020 u 2021-2027;	A. billi l-politika ta' koeżjoni hija l-għodda ewlenija tal-UE għall-investiment fl-iżvilupp ekonomiku***,*** soċjali ***u territorjali*** madwar l-UE skont l-oqfsa finanzjarji pluriennali tagħha għall-perjodi 2014-2020 u 2021-2027;

Or. es

Emenda 19
Francesco Ventola, Denis Nesci, Antonella Sberna, Giuseppe Milazzo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi l-politika ta' koeżjoni hija l-għodda ewlenija tal-UE għall-investiment fl-iżvilupp ekonomiku u soċjali, li għandha l-għan li tnaqqas id-disparitajiet territorjali;

Or. en

Emenda 20
Tamás Deutsch

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-politika ta' koeżjoni rawmet il-konverġenza ekonomika u soċjali fl-UE, b'mod partikolari billi żiedet il-prodotti	B. billi l-politika ta' koeżjoni rawmet il-konverġenza ekonomika u soċjali fl-UE, b'mod partikolari billi żiedet il-prodotti

domestiċi grossi tal-Istati Membri tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, minn 43 % tal-medja tal-UE fl-1995 għal madwar 80 % fl-2023; billi d-9 Rapport ta' Koeżjoni jisħaq li, sa tmiem l-2022, il-politika ta' koeżjoni ***appoġġat*** aktar minn 4.4 miljun negozju, u ħolqot aktar minn 370 000 impjieg f'dawn il-kumpaniji; billi l-politika ta' koeżjoni kienet tikkostitwixxi, bħala medja, madwar 13 % tal-investiment pubbliku totali fl-UE;	domestiċi grossi tal-Istati Membri tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, minn 43 % tal-medja tal-UE fl-1995 għal madwar 80 % fl-2023; billi d-9 Rapport ta' Koeżjoni jisħaq li, sa tmiem l-2022, il-politika ta' koeżjoni ***appoġġjat*** aktar minn 4.4 miljun negozju, u ħolqot aktar minn 370 000 impjieg f'dawn il-kumpaniji; billi l-politika ta' koeżjoni kienet tikkostitwixxi, bħala medja, madwar 13 % tal-investiment pubbliku totali fl-UE; ***billi l-politika ta' koeżjoni għandha impatt sinifikanti u pożittiv għall-Ewropa kollha kemm hi;***

Or. en

Emenda 21
Kathleen Funchion
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-politika ta' koeżjoni rawmet il-konverġenza ekonomika u soċjali fl-UE, b'mod partikolari billi żiedet il-prodotti domestiċi grossi ***tal-Istati Membri tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, minn 43 % tal-medja tal-UE fl-1995 għal madwar 80 % fl-2023***; billi d-9 Rapport ta' Koeżjoni jisħaq li, sa tmiem l-2022, il-politika ta' koeżjoni ***appoġġat*** aktar minn 4.4 miljun negozju, u ħolqot aktar minn 370 000 impjieg f'dawn il-kumpaniji; billi l-politika ta' koeżjoni kienet tikkostitwixxi, bħala medja, madwar 13 % tal-investiment pubbliku totali fl-UE;	B. billi l-politika ta' koeżjoni rawmet il-konverġenza ekonomika u soċjali fl-UE, b'mod partikolari billi żiedet il-prodotti domestiċi grossi ***fil-kontinent kollu***; billi d-9 Rapport ta' Koeżjoni jisħaq li, sa tmiem l-2022, il-politika ta' koeżjoni ***appoġġjat*** aktar minn 4.4 miljun negozju, u ħolqot aktar minn 370 000 impjieg f'dawn il-kumpaniji; billi l-politika ta' koeżjoni kienet tikkostitwixxi, bħala medja, madwar 13 % tal-investiment pubbliku totali fl-UE;

Or. en

Emenda 22
Sérgio Gonçalves, Marcos Ros Sempere, Hannes Heide, Rosa Serrano Sierra, Nora Mebarek, Sabrina Repp, Matthias Ecke

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-politika ta' koeżjoni rawmet il-konverġenza ekonomika ***u*** soċjali fl-UE, b'mod partikolari billi żiedet il-prodotti domestiċi grossi tal-Istati Membri ***tal-Ewropa*** Ċentrali u tal-Lvant, minn 43 % tal-medja tal-UE fl-1995 għal madwar 80 % fl-2023; billi d-9 Rapport ta' Koeżjoni jisħaq li, sa tmiem l-2022, il-politika ta' koeżjoni ***appoġġat*** aktar minn 4.4 miljun negozju, u ħolqot aktar minn 370 000 impjieg f'dawn il-kumpaniji; billi l-politika ta' koeżjoni kienet tikkostitwixxi, bħala medja, madwar 13 % tal-investiment pubbliku totali fl-UE;	B. billi l-politika ta' koeżjoni rawmet il-konverġenza ekonomika***,*** soċjali ***u territorjali*** fl-UE, b'mod partikolari billi żiedet il-prodotti domestiċi grossi***, pereżempju,*** tal-Istati Membri ***tal-UE*** Ċentrali u tal-Lvant, ***li għaddew*** minn 43 % tal-medja tal-UE fl-1995 għal madwar 80 % fl-2023; billi d-9 Rapport ta' Koeżjoni jisħaq li, sa tmiem l-2022, il-politika ta' koeżjoni ***appoġġjat*** aktar minn 4.4 miljun negozju, u ħolqot aktar minn 370 000 impjieg f'dawn il-kumpaniji; billi l-politika ta' koeżjoni kienet tikkostitwixxi, bħala medja, madwar 13 % tal-investiment pubbliku totali fl-UE;

Or. en

Emenda 23
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi l-implikazzjonijiet tat-tibdil fil-klima jista' jkollhom l-akbar impatt fuq ir-reġjuni Ewropej kollha, u jwasslu għal bidliet aktar drastiċi fil-ħajja tan-nies u fil-kundizzjonijiet ta' għajxien fir-reġjuni speċjalment f'reġjuni anqas żviluppati, li prinċipalment jinsabu fil-partijiet tan-Nofsinhar u tal-Lvant tal-Ewropa; billi t-tibdil fil-klima huwa għalhekk l-akbar theddida esterna għall-koeżjoni tal-Ewropa fil-futur;

Or. en

Emenda 24
Kathleen Funchion
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi minkejja s-suċċess fil-ħolqien ta' konverġenza ekonomika, soċjali u territorjali, il-politika ta' koeżjoni f'żoni "aktar żviluppati", u f'żoni li waqgħu f'nases tal-iżvilupp, ma kellhiex l-istess impatt fiż-żamma ta' konverġenza 'l fuq;

Or. en

Emenda 25
Krzysztof Hetman

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi l-politika ta' koeżjoni tiġġenera redditu sinifikanti fuq l-investiment, u kull euro investit bejn l-2014 u l-2027 se jiġġenera EUR 1,3 tal-PDG sal-2030[1a];
	[1a] Kummissjoni Ewropea: Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana, Durán Laguna, J., D'Apice, P., Grzegorzewska, M., De Franceschi, F. et al., Ninth report on economic, social and territorial cohesion (Id-disa' rapport dwar il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali), Durán Laguna, J. (editur), Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024.

Or. pl

Emenda 26
Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi bejn l-2021 u l-2027, il-politika ta' koeżjoni se tkun investiet aktar minn EUR 140 biljun fit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, biex tgħin fit-titjib tan-networks u l-infrastruttura, ***tappoġġa*** l-konservazzjoni tan-natura, ittejjeb il-ħiliet diġitali ***u*** trawwem il-ħolqien tal-impjiegi;	C. billi bejn l-2021 u l-2027, il-politika ta' koeżjoni se tkun investiet aktar minn EUR 140 biljun fit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, biex tgħin fit-titjib tan-networks u l-infrastruttura, ***tappoġġja*** l-konservazzjoni tan-natura, ittejjeb il-ħiliet diġitali***,*** trawwem il-ħolqien tal-impjiegi ***u s-servizzi pubbliċi***;

Or. fr

Emenda 27
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi bejn l-2021 u l-2027, il-politika ta' koeżjoni se tkun investiet aktar minn EUR 140 biljun fit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, biex tgħin fit-titjib tan-networks u l-infrastruttura, ***tappoġġa*** l-konservazzjoni tan-natura, ittejjeb il-ħiliet diġitali u trawwem il-ħolqien tal-impjiegi;	C. billi bejn l-2021 u l-2027, il-politika ta' koeżjoni se tkun investiet aktar minn EUR 140 biljun fit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, biex tgħin fit-titjib tan-networks u l-infrastruttura, ***tappoġġja*** l-konservazzjoni tan-natura, ittejjeb il-ħiliet ***ekoloġiċi u*** diġitali u trawwem il-ħolqien tal-impjiegi;

Or. en

Emenda 28
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi l-mira ta' Ewropa newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju sa mhux aktar tard mill-2050 għandha tkun akkumpanjata mill-mira ta' tranżizzjoni ekwa u ġusta; billi t-tniġġis tal-arja u tal-ilma, ir-riskju tad-disponibbiltà tal-ilma kif ukoll il-faqar enerġetiku għadhom ġeneralment għoljin wisq f'ħafna reġjuni anqas żviluppati;

Or. en

Emenda 29
Marcos Ros Sempere, Nora Mebarek, Sérgio Gonçalves, Raffaele Topo, Hannes Heide, Matthias Ecke, Rosa Serrano Sierra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi l-Politika ta' Koeżjoni hija fil-qalba tal-politiki tal-UE u hija indispensabbli biex twassal bilanċi soċjali, ekonomiċi u territorjali fis-suq uniku; billi l-miri tal-politika ta' koeżjoni huma awtorizzati mit-Trattati;

Or. en

Emenda 30
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi minkejja l-impatt pożittiv	D. billi minkejja l-impatt pożittiv

rikonoxxut u ppruvat b’mod wiesa’ tal-politika ta’ koeżjoni fuq il-konverġenza soċjali u ekonomika, għad fadal sfidi sinifikanti kkaratterizzati b’mod partikolari minn disparitajiet fl-iżvilupp fil-livell sottonazzjonali, u mill-impatt tat-tibdil fil-klima, f’termini ta’ demografija iżda wkoll f’termini ta’ żvilupp ekonomiku, b’mod partikolari fir-reġjuni l-anqas żviluppati;	rikonoxxut u ppruvat b’mod wiesa’ tal-politika ta’ koeżjoni fuq il-konverġenza soċjali u ekonomika ***u żvilupp armonjuż u sostenibbli tar-reġjuni tal-UE kollha***, għad fadal sfidi sinifikanti kkaratterizzati b’mod partikolari minn disparitajiet fl-iżvilupp fil-livell sottonazzjonali, u mill-impatt tat-tibdil fil-klima, f’termini ta’ demografija iżda wkoll f’termini ta’ żvilupp ekonomiku ***ekoloġiku u sostenibbli***, b’mod partikolari fir-reġjuni l-anqas żviluppati;

Or. en

Emenda 31
Kathleen Funchion
f’isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi minkejja l-impatt pożittiv rikonoxxut u ppruvat b’mod wiesa’ tal-politika ta’ koeżjoni fuq il-konverġenza soċjali u ekonomika, għad fadal sfidi sinifikanti kkaratterizzati b’mod partikolari minn disparitajiet fl-iżvilupp fil-livell sottonazzjonali, u mill-impatt tat-tibdil fil-klima, f’termini ta’ demografija iżda wkoll f’termini ta’ żvilupp ekonomiku, b’mod partikolari fir-reġjuni l-anqas żviluppati;	D. billi minkejja l-impatt pożittiv rikonoxxut u ppruvat b’mod wiesa’ tal-politika ta’ koeżjoni fuq il-konverġenza soċjali u ekonomika, għad fadal sfidi sinifikanti kkaratterizzati b’mod partikolari minn disparitajiet fl-iżvilupp fil-livell sottonazzjonali, ***fi ħdan reġjuni u f’reġjuni maqbuda f’nassa tal-iżvilupp,*** u mill-impatt tat-tibdil fil-klima, f’termini ta’ demografija iżda wkoll f’termini ta’ żvilupp ekonomiku, b’mod partikolari fir-reġjuni l-anqas żviluppati;

Or. en

Emenda 32
Sérgio Gonçalves, Marcos Ros Sempere, Hannes Heide, Rosa Serrano Sierra, Nora Mebarek, Sabrina Repp, Matthias Ecke

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi minkejja l-impatt pożittiv rikonoxxut u ppruvat b'mod wiesa' tal-politika ta' koeżjoni fuq il-konverġenza soċjali ***u*** ekonomika, għad fadal sfidi sinifikanti kkaratterizzati b'mod partikolari minn disparitajiet fl-iżvilupp fil-livell sottonazzjonali, u mill-impatt tat-tibdil fil-klima, f'termini ta' demografija iżda wkoll f'termini ta' żvilupp ekonomiku, b'mod partikolari fir-reġjuni l-anqas żviluppati;	D. billi minkejja l-impatt pożittiv rikonoxxut u ppruvat b'mod wiesa' tal-politika ta' koeżjoni fuq il-konverġenza soċjali***,*** ekonomika ***u territorjali***, għad fadal sfidi sinifikanti kkaratterizzati b'mod partikolari minn disparitajiet fl-iżvilupp fil-livell sottonazzjonali, u mill-impatt tat-tibdil fil-klima, f'termini ta' demografija iżda wkoll f'termini ta' żvilupp ekonomiku, b'mod partikolari fir-reġjuni l-anqas żviluppati;

Or. en

Emenda 33
Sérgio Gonçalves, Marcos Ros Sempere, Hannes Heide, Rosa Serrano Sierra, Nora Mebarek, Sabrina Repp, Klára Dobrev, Matthias Ecke

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi l-politika ta' koeżjoni hija fundamentali għal suq intern li jiffunzjona tajjeb u li jirnexxi minħabba li bil-promozzjoni tal-iżvilupp tar-reġjuni kollha fl-UE, u b'mod speċjali dawk l-anqas żviluppati, tippermettilhom jipparteċipaw b'mod ekonomiku fis-suq intern, li huwa ta' benefiċċju għar-reġjuni kollha tal-UE, anke dawk li ma jirċevux direttament fondi mill-politika ta' koeżjoni;

Or. en

Emenda 34
Francesco Ventola, Denis Nesci, Antonella Sberna, Giuseppe Milazzo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi l-provvista ta' servizzi essenzjali bħall-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni u t-trasport trid tissaħħaħ permezz ta' pjan straordinarju li jiżgura standards ta' servizz minimi fir-reġjuni kollha, b'enfasi partikolari fuq iż-żoni rurali u remoti;

Or. en

Emenda 35
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi għad hemm disparitajiet fir-ritmi tat-tranżizzjoni diġitali u l-konnettività fl-Ewropa, b'mod partikolari fiż-żoni rurali u remoti;

Or. en

Emenda 36
Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi l-politika ta' koeżjoni għenet ripetutament u b'mod effiċjenti lir-reġjuni jirrispondu b'mod effettiv għall-emerġenzi u għax-xokkijiet asimmetriċi bħall-kriżi tal-COVID-19, il-Brexit u l-kriżi tar-refuġjati kkawżata mill-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja;	E. billi l-politika ta' koeżjoni għenet ripetutament u b'mod effiċjenti lir-reġjuni jirrispondu b'mod effettiv għall-emerġenzi u għax-xokkijiet asimmetriċi bħall-kriżi tal-COVID-19, il-Brexit u l-kriżi tar-refuġjati kkawżata mill-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja; ***madankollu, il-politika ta' koeżjoni ma għandhiex tintuża ripetutament bħala għodda ta' rispons***

għall-emerġenzi sakemm il-pakkett finanzjarju tagħha ma jkunx aġġornat kif xieraq, inkella l-għanijiet fit-tul tagħha jistgħu jiddgħajfu;

Or. pt

Emenda 37
Kathleen Funchion
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi l-politika ta' koeżjoni għenet ripetutament u b'mod effiċjenti lir-reġjuni jirrispondu b'mod effettiv għall-emerġenzi u għax-xokkijiet asimmetriċi bħall-kriżi tal-COVID-19, il-Brexit u l-kriżi tar-refuġjati kkawżata mill-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja;	E. billi l-politika ta' koeżjoni għenet ripetutament u b'mod effiċjenti lir-reġjuni jirrispondu b'mod effettiv għall-emerġenzi u għax-xokkijiet asimmetriċi bħall-kriżi tal-COVID-19, il-Brexit u l-kriżi tar-refuġjati kkawżata mill-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja ***iżda mhijiex imfassla biex tkun u ma tistax tkun il-mekkaniżmu ta' finanzjament ta' rispons għall-emerġenzi li jservi ta' referenza***;

Or. en

Emenda 38
Sabrina Repp, Matthias Ecke, Sérgio Gonçalves, Hannes Heide

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi l-politika ta' koeżjoni għenet ripetutament u b'mod effiċjenti lir-reġjuni jirrispondu b'mod effettiv għall-emerġenzi u għax-xokkijiet asimmetriċi bħall-kriżi tal-COVID-19, il-Brexit u l-kriżi tar-refuġjati kkawżata mill-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja;	E. billi l-politika ta' koeżjoni ***hija politika strutturali fuq terminu twil bil-kapaċità li ssaħħaħ ir-reżiljenza u l-prosperità,*** għenet ***ukoll*** ripetutament u b'mod effiċjenti lir-reġjuni jirrispondu b'mod effettiv għall-emerġenzi u għax-xokkijiet asimmetriċi bħall-kriżi tal-COVID-19, il-Brexit u l-kriżi tar-refuġjati

	kkawżata mill-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja;

Or. en

Emenda 39
Ľubica Karvašová, Elsi Katainen, Ciaran Mullooly, Sandro Gozi, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Dan Barna

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi l-politika ta' koeżjoni għenet ripetutament u b'mod effiċjenti lir-reġjuni jirrispondu b'mod effettiv għall-emerġenzi u għax-xokkijiet asimmetriċi bħall-kriżi tal-COVID-19, il-Brexit u l-kriżi tar-refuġjati kkawżata mill-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja;	E. billi l-politika ta' koeżjoni għenet ripetutament u b'mod effiċjenti lir-reġjuni jirrispondu b'mod effettiv għall-emerġenzi u għax-xokkijiet asimmetriċi bħall-kriżi tal-COVID-19, il-Brexit u l-kriżi tar-refuġjati kkawżata mill-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja***, minkejja li mhijiex strument ta' ġestjoni tal-kriżijiet***;

Or. en

Emenda 40
Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi l-politika ta' koeżjoni ***għenet*** ripetutament u b'mod effiċjenti lir-reġjuni jirrispondu b'mod effettiv għall-emerġenzi u għax-xokkijiet asimmetriċi bħall-kriżi tal-COVID-19, il-Brexit u l-kriżi tar-refuġjati kkawżata mill-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja;	E. billi l-politika ta' koeżjoni ***u l-programmi settorjali tal-Unjoni għenu*** ripetutament u b'mod effiċjenti lir-reġjuni jirrispondu b'mod effettiv għall-emerġenzi u għax-xokkijiet asimmetriċi bħall-kriżi tal-COVID-19, il-Brexit u l-kriżi tar-refuġjati kkawżata mill-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja;

Or. fr

Emenda 41
Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi l-politika ta' koeżjoni għenet ripetutament u b'mod effiċjenti lir-reġjuni jirrispondu b'mod effettiv għall-emerġenzi u għax-xokkijiet asimmetriċi bħall-kriżi tal-COVID-19, il-Brexit u l-kriżi tar-refuġjati kkawżata mill-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja;	E. billi l-politika ta' koeżjoni għenet ripetutament u b'mod effiċjenti lir-reġjuni***, inklużi r-reġjuni ultraperiferiċi,*** jirrispondu b'mod effettiv għall-emerġenzi u għax-xokkijiet asimmetriċi bħall-kriżi tal-COVID-19, il-Brexit u l-kriżi tar-refuġjati kkawżata mill-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja;

Or. pt

Emenda 42
Elena Nevado del Campo, Maravillas Abadía Jover

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi l-politika ta' koeżjoni għenet ripetutament u b'mod effiċjenti lir-reġjuni jirrispondu b'mod effettiv għall-emerġenzi u għax-xokkijiet asimmetriċi bħall-kriżi tal-COVID-19, il-Brexit u l-kriżi tar-refuġjati kkawżata mill-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja;	E. billi l-politika ta' koeżjoni għenet ripetutament u b'mod effiċjenti lir-reġjuni jirrispondu b'mod effettiv għall-emerġenzi u għax-xokkijiet asimmetriċi bħall-kriżi tal-COVID-19, il-Brexit***,*** il-kriżi tar-refuġjati kkawżata mill-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja ***u d-diżastri naturali***;

Or. es

Emenda 43
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi l-politika ta' koeżjoni għenet ripetutament u b'mod effiċjenti lir-reġjuni jirrispondu b'mod effettiv għall-emerġenzi u għax-xokkijiet asimmetriċi bħall-kriżi tal-COVID-19, il-Brexit u l-kriżi tar-refuġjati ***kkawżata*** mill-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja;	E. billi l-politika ta' koeżjoni għenet ripetutament u b'mod effiċjenti lir-reġjuni jirrispondu b'mod effettiv għall-emerġenzi u għax-xokkijiet asimmetriċi bħall-kriżi tal-COVID-19, il-Brexit u l-kriżi ***tal-enerġija u*** tar-refuġjati ***kkawżati*** mill-invażjoni ***mhux provokata*** tal-Ukrajna mir-Russja;

Or. en

Emenda 44
Sérgio Gonçalves, Marcos Ros Sempere, Hannes Heide, Rosa Serrano Sierra, Nora Mebarek, Sabrina Repp, Matthias Ecke

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi l-politika ta' koeżjoni għenet ripetutament u b'mod effiċjenti lir-reġjuni jirrispondu b'mod effettiv għall-emerġenzi u għax-xokkijiet asimmetriċi bħall-kriżi tal-COVID-19, il-Brexit u l-kriżi tar-refuġjati kkawżata ***mill-invażjoni tal-Ukrajna*** mir-Russja;	E. billi l-politika ta' koeżjoni għenet ripetutament u b'mod effiċjenti lir-reġjuni jirrispondu b'mod effettiv għall-emerġenzi u għax-xokkijiet asimmetriċi bħall-kriżi tal-COVID-19, il-Brexit u l-kriżi tar-refuġjati kkawżata ***mill-gwerra ta' aggressjoni fl-Ukrajna*** mir-Russja;

Or. en

Emenda 45
Marcos Ros Sempere, Nora Mebarek, Sérgio Gonçalves, Raffaele Topo, Rosa Serrano Sierra, Hannes Heide, Matthias Ecke

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi l-pandemija tal-COVID-19 dewmet l-implimentazzjoni tal-fondi strutturali u li għadd konsiderevoli ta' proġetti ffinanzjati b'fondi tal-Faċilità

għall-Irkupru u r-Reżiljenza siltu fil-biċċa l-kbira mill-proġetti li kienu ppjanati għal investimenti għall-Politika ta' Koeżjoni;

Or. en

Emenda 46
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi l-prezzijiet tal-akkomodazzjoni u tal-enerġija qed jogħlew, u dan qed juri l-ħtieġa ta' akkomodazzjonijiet pubbliċi orħos u rinnovazzjoni profonda aċċellerata biex jiġi miġġieled il-faqar enerġetiku u tiġi promossa l-effiċjenza enerġetika;

Or. en

Emenda 47
Krzysztof Hetman

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi minkejja l-miżuri li diġà ttieħdu għall-perjodi 2014-2020 u 2021-2027, il-qafas regolatorju li jirregola l-użu u l-amministrazzjoni tal-istrumenti u l-fondi tal-politika ta' koeżjoni għandu jiġi ssimplifikat aktar, bl-għan li jitnaqqas il-piż amministrattiv, mhux biss għall-awtoritajiet rilevanti iżda wkoll għall-benefiċjarji;	F. billi minkejja l-miżuri li diġà ttieħdu għall-perjodi 2014-2020 u 2021-2027, il-qafas regolatorju li jirregola l-użu u l-amministrazzjoni tal-istrumenti u l-fondi tal-politika ta' koeżjoni għandu jiġi ssimplifikat aktar, bl-għan li jitnaqqas il-piż amministrattiv, mhux biss għall-awtoritajiet rilevanti iżda wkoll għall-benefiċjarji***, u li jitwessa' l-ambitu għall-użu aktar flessibbli tal-fondi, inkluża l-possibbiltà li jiġi ffinanzjat l-iżvilupp ta' prodotti b'użu doppju***;

Or. pl

Emenda 48
Francesco Ventola, Denis Nesci, Antonella Sberna, Giuseppe Milazzo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi minkejja l-miżuri li diġà ttieħdu għall-perjodi 2014-2020 u 2021-2027, il-qafas regolatorju li jirregola l-użu u l-amministrazzjoni tal-istrumenti u l-fondi tal-politika ta' koeżjoni għandu jiġi ssimplifikat aktar, bl-għan li jitnaqqas il-piż amministrattiv, mhux biss għall-awtoritajiet rilevanti iżda wkoll għall-benefiċjarji;	F. billi minkejja l-miżuri li diġà ttieħdu għall-perjodi 2014-2020 u 2021-2027, il-qafas regolatorju li jirregola l-użu u l-amministrazzjoni tal-istrumenti u l-fondi tal-politika ta' koeżjoni għandu jiġi ssimplifikat aktar, ***li jirrikjedi l-istabbiliment ta' ċentri ta' punt uniku ta' servizzi diġitalizzati biex jiġu ssimplifikati l-proċeduri u tissaħħaħ il-fiduċja tal-partijiet ikkonċernati,*** bl-għan li jitnaqqas il-piż amministrattiv, mhux biss għall-awtoritajiet rilevanti iżda wkoll għall-benefiċjarji;

Or. en

Emenda 49
Dan Barna, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Joachim Streit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi minkejja l-miżuri li diġà ttieħdu għall-perjodi 2014-2020 u 2021-2027, il-qafas regolatorju li jirregola l-użu u l-amministrazzjoni tal-istrumenti u l-fondi tal-politika ta' koeżjoni għandu jiġi ssimplifikat aktar, bl-għan li jitnaqqas il-piż amministrattiv, mhux biss għall-awtoritajiet rilevanti iżda wkoll għall-benefiċjarji;	F. billi minkejja l-miżuri li diġà ttieħdu għall-perjodi 2014-2020 u 2021-2027, il-qafas regolatorju li jirregola l-użu u l-amministrazzjoni tal-istrumenti u l-fondi tal-politika ta' koeżjoni għandu jiġi ssimplifikat aktar ***u l-għodod diġitali interoperabbli għandhom jintużaw u jiġu żviluppati aħjar***, bl-għan li jitnaqqas il-piż amministrattiv, mhux biss għall-awtoritajiet rilevanti iżda wkoll għall-benefiċjarji;

Or. en

Emenda 50
Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi minkejja l-miżuri li diġà ttieħdu għall-perjodi 2014-2020 u 2021-2027, il-qafas regolatorju li jirregola l-użu u l-amministrazzjoni tal-istrumenti u l-fondi tal-politika ta' koeżjoni għandu jiġi ssimplifikat aktar, bl-għan li jitnaqqas il-piż amministrattiv, mhux biss għall-awtoritajiet rilevanti iżda wkoll għall-benefiċjarji;	F. billi minkejja l-miżuri li diġà ttieħdu għall-perjodi 2014-2020 u 2021-2027, il-qafas regolatorju li jirregola l-użu u l-amministrazzjoni tal-istrumenti u l-fondi tal-politika ta' koeżjoni għandu jiġi ssimplifikat aktar, bl-għan li jitnaqqas il-piż amministrattiv, mhux biss għall-awtoritajiet rilevanti iżda wkoll għall-benefiċjarji ***u biex jiġu aċċellerati l-pagamenti***;

Or. fr

Emenda 51
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi minkejja l-miżuri li diġà ttieħdu għall-perjodi 2014-2020 u 2021-2027, il-qafas regolatorju li jirregola l-użu u l-amministrazzjoni tal-istrumenti u l-fondi tal-politika ta' koeżjoni għandu jiġi ssimplifikat aktar, bl-għan li jitnaqqas il-piż amministrattiv, mhux biss għall-awtoritajiet rilevanti iżda wkoll għall-benefiċjarji;	F. billi minkejja l-miżuri li diġà ttieħdu għall-perjodi 2014-2020 u 2021-2027, il-qafas regolatorju li jirregola l-użu u l-amministrazzjoni tal-istrumenti u l-fondi tal-politika ta' koeżjoni għandu jiġi ssimplifikat aktar, bl-għan li jitnaqqas il-piż amministrattiv, mhux biss għall-awtoritajiet rilevanti iżda wkoll għall-benefiċjarji ***finali u għaċ-ċittadini***;

Or. en

Emenda 52
Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi minkejja l-miżuri li diġà ttieħdu għall-perjodi 2014-2020 u 2021-2027, il-qafas regolatorju li jirregola l-użu u l-amministrazzjoni tal-istrumenti u l-fondi tal-politika ta' koeżjoni għandu jiġi ssimplifikat aktar, bl-għan li jitnaqqas il-piż amministrattiv, mhux biss għall-awtoritajiet rilevanti iżda wkoll għall-benefiċjarji;	F. billi minkejja l-miżuri li diġà ttieħdu għall-perjodi 2014-2020 u 2021-2027, il-qafas regolatorju li jirregola l-użu u l-amministrazzjoni tal-istrumenti u l-fondi tal-politika ta' koeżjoni għandu jiġi ssimplifikat aktar, bl-għan li jitnaqqas il-piż amministrattiv, mhux biss għall-awtoritajiet rilevanti iżda wkoll għall-benefiċjarji***, inklużi l-SMEs***;

Or. pt

Emenda 53
Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fa. billi r-rata ta' assorbiment baxxa tal-fondi tal-Politika ta' Koeżjoni 2021-2027, li bħalissa hija 6 % biss, mhijiex minħabba nuqqas ta' ħtieġa mill-Istati Membri jew mir-reġjuni, iżda pjuttost ġejja minn dewmien fl-approvazzjoni ta' programmi operazzjonali, il-perjodu ta' tranżizzjoni bejn oqfsa finanzjarji, il-prijoritizzazzjoni tan-Next Generation EU minn awtoritajiet ta' ġestjoni nazzjonali, kapaċità amministrattiva limitata u proċeduri burokratiċi kumplessi; billi l-Istati Membri u r-reġjoni jistgħu ma jgħaġġlux biex jassorbu l-fondi disponibbli kollha, minħabba li jantiċipaw estensjoni possibbli fl-ambitu tar-regoli N+2 jew N+3;

Or. en

Emenda 54
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fa. billi huwa tal-akbar importanza li kwalunkwe politika ta' koeżjoni futura tiġi fformulata bl-istess impetu strateġiku li qed jiġi segwit tul il-perjodu ta' finanzjament kollu, li madankollu jista' jiġi vvalutat mill-ġdid u aġġustat f'nofs il-perjodu ta' finanzjament skont ċirkostanzi mibdula ġodda;

Or. en

Emenda 55
Francesco Ventola, Denis Nesci, Antonella Sberna, Giuseppe Milazzo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fa. billi d-disparitajiet ekonomiċi jistgħu jittaffew bl-introduzzjoni ta' "żoni mingħajr taxxi" fl-aktar reġjuni żvantaġġjati biex jiġu attirati investimenti u jinħolqu opportunitajiet ta' impjieg, li jiżguraw distribuzzjoni aktar ġusta tat-tkabbir ekonomiku;

Or. en

Emenda 56
Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi l-modifiki radikali tal-qafas regolatorju, minn perjodu ta' programmazzjoni għall-ieħor, jikkontribwixxu għall-insigurtà fost l-awtoritajiet responsabbli, ir-regolamentazzjoni żejda tal-leġiżlazzjoni, iż-żieda fir-rati ta' żbalji (u l-konsegwenzi negattivi reputazzjonali u finanzjarji li jakkumpanjawhom), id-dewmien fl-implimentazzjoni u, fl-aħħar mill-aħħar, l-iskuntentizza fost il-benefiċjarji;	G. billi l-modifiki radikali tal-qafas regolatorju, minn perjodu ta' programmazzjoni għall-ieħor, jikkontribwixxu għall-insigurtà fost l-awtoritajiet responsabbli, ir-regolamentazzjoni żejda tal-leġiżlazzjoni, iż-żieda fir-rati ta' żbalji (u l-konsegwenzi negattivi reputazzjonali u finanzjarji li jakkumpanjawhom), id-dewmien fl-implimentazzjoni u, fl-aħħar mill-aħħar, l-iskuntentizza fost il-benefiċjarji; ***f'dak il-kuntest, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri u l-qrati tal-awdituri tal-Istati Membri għandhom bżonn ikunu involuti aktar fil-fond, f'kull stadju tal-proċess, fid-disinn u l-ġestjoni tal-programmi operazzjonali tal-politika ta' koeżjoni, bħala sħab, bil-ħsieb li jitnaqqas l-għadd ta' awditi anqas pożittivi, li jżidu l-burokrazija u l-piż amministrattiv bl-uniku għan li jiġu protetti l-amministrazzjonijiet nazzjonali u reġjonali;***

Or. pt

Emenda 57
Dan Barna, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Joachim Streit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi l-modifiki radikali tal-qafas regolatorju, minn perjodu ta' programmazzjoni għall-ieħor, jikkontribwixxu għall-insigurtà fost l-awtoritajiet responsabbli, ir-regolamentazzjoni żejda tal-leġiżlazzjoni, iż-żieda fir-rati ta' żbalji (u l-konsegwenzi negattivi reputazzjonali u finanzjarji li jakkumpanjawhom), id-dewmien fl-implimentazzjoni u, fl-aħħar mill-aħħar, l-iskuntentizza fost il-benefiċjarji;	G. billi l-modifiki radikali tal-qafas regolatorju, minn perjodu ta' programmazzjoni għall-ieħor, jikkontribwixxu għall-insigurtà fost l-awtoritajiet responsabbli ***u l-benefiċjarji***, ir-regolamentazzjoni żejda tal-leġiżlazzjoni, iż-żieda fir-rati ta' żbalji (u l-konsegwenzi negattivi reputazzjonali u finanzjarji li jakkumpanjawhom), id-dewmien fl-implimentazzjoni u, fl-aħħar mill-aħħar, l-iskuntentizza fost il-

	benefiċjarji ***u l-popolazzjoni ġenerali***;

Or. en

Emenda 58
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi l-modifiki radikali tal-qafas regolatorju, minn perjodu ta' programmazzjoni għall-ieħor, jikkontribwixxu għall-insigurtà fost l-awtoritajiet responsabbli, ir-regolamentazzjoni żejda tal-leġiżlazzjoni, iż-żieda fir-rati ta' żbalji (u l-konsegwenzi negattivi reputazzjonali u finanzjarji li jakkumpanjawhom), id-dewmien fl-implimentazzjoni u, fl-aħħar mill-aħħar, l-iskuntentizza fost il-benefiċjarji;	G. billi l-modifiki radikali tal-qafas regolatorju ***ta' koeżjoni***, minn perjodu ta' programmazzjoni għall-ieħor, jikkontribwixxu għall-insigurtà fost l-awtoritajiet responsabbli, ir-regolamentazzjoni żejda tal-leġiżlazzjoni, iż-żieda fir-rati ta' żbalji (u l-konsegwenzi negattivi reputazzjonali u finanzjarji li jakkumpanjawhom), id-dewmien fl-implimentazzjoni u, fl-aħħar mill-aħħar, l-iskuntentizza fost il-benefiċjarji;

Or. en

Emenda 59
Maravillas Abadía Jover, Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ga (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ga. billi l-UE tiffaċċja riskji sinifikanti relatati mal-klima, b'mod partikolari n-nixfa, is-sħana estrema u n-nirien fil-foresti, bin-Nofsinhar tal-Ewropa jkun l-aktar affettwat. In-nixfiet jaffettwaw serjament l-agrikoltura, u jikkawżaw tnaqqis fil-produzzjoni tal-għelejjel, degradazzjoni tal-ħamrija u skarsezza tal-ilma, speċjalment fir-reġjun tal-Mediterran;

Or. es

Emenda 60
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ga (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ga. billi l-Istati Membri għandhom jikkonformaw mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, man-nondiskriminazzjoni, mal-prinċipji tal-Istat tad-Dritt u mal-kodiċi ta' kondotta Ewropew dwar is-sħubija meta jużaw finanzjament tal-politika ta' koeżjoni;

Or. en

Emenda 61
Francesco Ventola, Denis Nesci, Antonella Sberna, Giuseppe Milazzo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ga (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ga. billi l-awtoritajiet reġjonali jeħtieġu aktar flessibbiltà fil-ġestjoni tal-fondi, li tippermetti aċċess għal finanzjament dirett mill-partijiet ikkonċernati lokali biex jindirizzaw ħtiġijiet territorjali urġenti b'mod effettiv;

Or. en

Emenda 62
Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ga (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ga. billi xi drabi jkun hemm kompetizzjoni bejn il-fondi ta' koeżjoni, il-fondi ta' emerġenza u l-politiki settorjali;

Or. fr

Emenda 63
Maravillas Abadía Jover

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Gb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Gb. billi ż-żoni kostali u l-gżejjer tal-Ewropa huma partikolarment vulnerabbli għal riskji klimatiċi li qed jiżdiedu, bħaż-żieda fil-livell tal-baħar, l-erożjoni kostali u avvenimenti estremi tat-temp bħal maltempati u għargħar;

Or. es

Emenda 64
Sabrina Repp, Matthias Ecke, Hannes Heide

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi l-bidliet demografiċi jvarjaw b'mod sinifikanti bejn ir-reġjuni, bil-popolazzjonijiet ta' xi Stati Membri jiffaċċjaw tnaqqis ipproġettat fis-snin li ġejjin u oħrajn mistennija jikbru; billi l-bidliet demografiċi jseħħu wkoll bejn ir-reġjuni, ġeneralment osservati bħala eżodi minn żoni rurali għal dawk urbani fl-Istati Membri;	H. billi l-bidliet demografiċi jvarjaw b'mod sinifikanti bejn ir-reġjuni, bil-popolazzjonijiet ta' xi Stati Membri jiffaċċjaw tnaqqis ipproġettat fis-snin li ġejjin u oħrajn mistennija jikbru; billi l-bidliet demografiċi jseħħu wkoll bejn ir-reġjuni, ġeneralment osservati bħala eżodi ***tal-ġeneru*** minn żoni rurali għal dawk urbani fl-Istati Membri ***li fihom in-nisa qed jitilqu minn żoni rurali f'numri akbar mill-irġiel, u dan f'xi żoni jwassal għal żbilanċi fil-ġeneru sinifikanti***;

Or. en

Emenda 65
Dan Barna, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Joachim Streit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi l-bidliet demografiċi jvarjaw b'mod sinifikanti bejn ir-reġjuni, bil-popolazzjonijiet ta' xi Stati Membri jiffaċċjaw tnaqqis ipproġettat fis-snin li ġejjin u oħrajn mistennija jikbru; billi l-bidliet demografiċi jseħħu wkoll bejn ir-reġjuni, ġeneralment osservati bħala eżodi minn żoni rurali għal dawk urbani fl-Istati Membri;	H. billi l-bidliet demografiċi jvarjaw b'mod sinifikanti bejn ir-reġjuni, bil-popolazzjonijiet ta' xi Stati Membri jiffaċċjaw tnaqqis ipproġettat fis-snin li ġejjin u oħrajn mistennija jikbru; billi l-bidliet demografiċi jseħħu wkoll bejn ir-reġjuni, ġeneralment osservati bħala eżodi minn żoni rurali għal dawk urbani fl-Istati Membri***, iżda anke għal żoni metropolitani, fejn villaġġi madwar bliet kbar isibuha diffiċli li jinvestu f'infrastruttura bażika***;

Or. en

Emenda 66
Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi l-bidliet demografiċi jvarjaw b'mod sinifikanti bejn ir-reġjuni, bil-popolazzjonijiet ta' xi Stati Membri jiffaċċjaw tnaqqis ipproġettat fis-snin li ġejjin u oħrajn mistennija jikbru; billi l-bidliet demografiċi jseħħu wkoll bejn ir-reġjuni, ġeneralment osservati bħala eżodi minn żoni rurali għal dawk urbani fl-Istati Membri;	H. billi l-bidliet demografiċi jvarjaw b'mod sinifikanti bejn ir-reġjuni, bil-popolazzjonijiet ta' xi Stati Membri jiffaċċjaw tnaqqis ipproġettat fis-snin li ġejjin u oħrajn mistennija jikbru; billi l-bidliet demografiċi jseħħu wkoll bejn ir-reġjuni, ġeneralment osservati bħala eżodi minn żoni rurali għal dawk urbani fl-Istati Membri; ***dan il-fenomenu huwa partikolarment allarmanti fir-reġjuni ultraperiferiċi;***

Or. pt

Emenda 67
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi l-bidliet demografiċi jvarjaw b'mod sinifikanti bejn ir-reġjuni, bil-popolazzjonijiet ta' xi Stati Membri jiffaċċjaw tnaqqis ipproġettat fis-snin li ġejjin u oħrajn mistennija jikbru; billi l-bidliet demografiċi jseħħu wkoll bejn ir-reġjuni, ġeneralment osservati bħala eżodi minn żoni rurali għal dawk urbani fl-Istati Membri;	H. billi l-bidliet demografiċi jvarjaw b'mod sinifikanti bejn ir-reġjuni ***tal-UE***, bil-popolazzjonijiet ta' xi Stati Membri jiffaċċjaw tnaqqis ipproġettat fis-snin li ġejjin u oħrajn mistennija jikbru; billi l-bidliet demografiċi jseħħu wkoll bejn ir-reġjuni, ġeneralment osservati bħala eżodi minn żoni rurali għal dawk urbani fl-Istati Membri;

Or. en

Emenda 68
Kathleen Funchion
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi l-bidliet demografiċi jvarjaw b'mod sinifikanti bejn ir-reġjuni, bil-popolazzjonijiet ta' xi Stati Membri jiffaċċjaw tnaqqis ipproġettat fis-snin li ġejjin u oħrajn mistennija jikbru; billi l-bidliet demografiċi jseħħu wkoll bejn ir-reġjuni, ġeneralment osservati bħala ***eżodi*** minn żoni rurali għal dawk urbani fl-Istati Membri;	H. billi l-bidliet demografiċi jvarjaw b'mod sinifikanti bejn ir-reġjuni, bil-popolazzjonijiet ta' xi Stati Membri jiffaċċjaw tnaqqis ipproġettat fis-snin li ġejjin u oħrajn mistennija jikbru; billi l-bidliet demografiċi jseħħu wkoll bejn ir-reġjuni, ġeneralment osservati bħala ***ċaqliq*** minn żoni rurali għal dawk urbani fl-Istati Membri;

Or. en

Emenda 69
Francesco Ventola, Denis Nesci, Antonella Sberna, Giuseppe Milazzo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ha (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ha. billi hija meħtieġa enfasi akbar fuq iż-żoni interni li jbatu minn depopolazzjoni u servizzi inadegwati, li jirrikjedu miżuri mmirati biex iż-żgħażagħ jitħeġġu jibqgħu hemm permezz ta' proġetti intraprenditorjali, agrikoltura ta' kwalità għolja u turiżmu sostenibbli;

Or. en

Emenda 70
Jacek Protas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ha (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ha. billi ż-żoni urbani huma mtaqqla bi sfidi ġodda li jirriżultaw mill-influss ta' popolazzjoni lejn l-ibliet, li jirrikjedi l-iżvilupp tal-akkomodazzjoni meħtieġa, kif ukoll jiffaċċjaw rekwiżiti ġodda ta' protezzjoni ambjentali u tal-iffrankar tal-enerġija;

Or. en

Emenda 71
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ha (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

Ha. billi huwa kruċjali li titqies il-popolazzjoni li qed tixjieħ sabiex tiġi żgurata l-ġustizzja fost il-ġenerazzjonijiet u, b'hekk, tissaħħaħ il-parteċipazzjoni speċjalment għaż-żgħażagħ;

Or. en

Emenda 72
André Rougé, Rody Tolassy

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
I. billi jeħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lil żoni rurali, kif ukoll lil żoni milquta mit-tranżizzjoni industrijali u lil reġjuni li jbatu minn żvantaġġi naturali jew demografiċi gravi u permanenti, bħal pereżempju r-reġjuni ultraperiferiċi, ir-reġjuni ***tat-tramunta*** skarsament popolati, il-gżejjer, iż-żoni muntanjużi kif ukoll ir-reġjuni transfruntiera;	I. billi jeħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lil żoni rurali, kif ukoll lil żoni milquta mit-tranżizzjoni industrijali u lil reġjuni li jbatu minn żvantaġġi naturali jew demografiċi gravi u permanenti, bħal pereżempju r-reġjuni ultraperiferiċi, ***b'mod partikolari dawk li jiġu affettwati minn insularità doppja u t-tibdil fil-klima,*** ir-reġjuni ***tat-Tramuntana*** skarsament popolati, il-gżejjer, iż-żoni muntanjużi kif ukoll ir-reġjuni transfruntiera;

Or. fr

Emenda 73
Sabrina Repp, Matthias Ecke, Hannes Heide

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
I. billi jeħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lil żoni rurali, kif ukoll lil żoni milquta mit-tranżizzjoni industrijali u lil reġjuni li jbatu minn żvantaġġi naturali jew demografiċi gravi u permanenti, bħal pereżempju r-reġjuni ultraperiferiċi, ir-reġjuni ***tat-tramunta*** skarsament popolati,	I. billi jeħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lil żoni rurali, kif ukoll lil żoni milquta mit-tranżizzjoni industrijali u lil reġjuni li jbatu minn żvantaġġi naturali jew demografiċi gravi u permanenti, bħal pereżempju r-reġjuni ultraperiferiċi, ir-reġjuni ***tat-Tramuntana*** skarsament

il-gżejjer, iż-żoni muntanjużi kif ukoll ir-reġjuni transfruntiera;	popolati, il-gżejjer, iż-żoni muntanjużi kif ukoll ir-reġjuni transfruntiera***, kif ukoll ir-reġjuni kostali u marittimi***;

Or. en

Emenda 74
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
I. billi jeħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lil żoni rurali, kif ukoll lil żoni milquta mit-tranżizzjoni industrijali u lil reġjuni li jbatu minn żvantaġġi naturali jew demografiċi gravi u permanenti, bħal pereżempju r-reġjuni ultraperiferiċi, ir-reġjuni ***tat-tramunta*** skarsament popolati, il-gżejjer, iż-żoni muntanjużi kif ukoll ir-reġjuni transfruntiera;	I. billi jeħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lil żoni rurali, kif ukoll lil żoni milquta mit-tranżizzjoni industrijali u lil reġjuni ***tal-UE*** li jbatu minn żvantaġġi naturali jew demografiċi gravi u permanenti, bħal pereżempju r-reġjuni ultraperiferiċi, ir-reġjuni ***tat-Tramuntana*** skarsament popolati, il-gżejjer, iż-żoni muntanjużi kif ukoll ir-reġjuni transfruntiera;

Or. en

Emenda 75
Raúl de la Hoz Quintano, Maravillas Abadía Jover, Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
I. billi jeħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lil żoni rurali, kif ukoll lil żoni milquta mit-tranżizzjoni industrijali u lil reġjuni li jbatu minn żvantaġġi naturali jew demografiċi gravi u permanenti, bħal pereżempju r-reġjuni ultraperiferiċi, ir-reġjuni ***tat-tramunta*** skarsament popolati, il-gżejjer, iż-żoni muntanjużi kif ukoll ir-reġjuni transfruntiera;	I. billi jeħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lil żoni rurali, kif ukoll lil żoni milquta mit-tranżizzjoni industrijali u lil reġjuni li jbatu minn żvantaġġi naturali jew demografiċi gravi u permanenti, bħal pereżempju r-reġjuni ultraperiferiċi, ir-reġjuni skarsament popolati, il-gżejjer, iż-żoni muntanjużi kif ukoll ir-reġjuni transfruntiera;

Or. es

Emenda 76
Sérgio Gonçalves, Marcos Ros Sempere, Hannes Heide, Rosa Serrano Sierra, Nora Mebarek, Klára Dobrev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ia (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ia. billi l-politika ta' koeżjoni tal-UE għandha tikkontribwixxi, fid-dawl tal-prezzijiet tal-akkomodazzjoni li qed jogħlew u li żdiedu bi 48 % bejn l-2010 u l-2023 u l-kiri bi 22 % fl-istess perjodu, għal suq tal-akkomodazzjoni bi prezzijiet raġonevoli fl-UE, speċjalment għal unitajiet domestiċi b'introjtu baxx, residenti urbani u żgħażagħ;

Or. en

Emenda 77
Raffaele Topo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ia (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ia. Iqis li implimentazzjoni effettiva tal-Aġenda Urbana Ewropea tista' ssaħħaħ il-kapaċità tal-bliet li jikkontribwixxu għall-objettivi ta' koeżjoni, filwaqt li titjieb il-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini u jiġi żgurat użu aktar effiċjenti tar-riżorsi tal-UE;

Or. it

Emenda 78
Rasmus Andresen

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ia (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ia. billi l-eżodu ta' mhuħ jaffettwa b'mod sproporzjonat lir-reġjuni anqas żviluppati u jekk ma jiġix indirizzat, il-fenomenu se jkollu effetti permanenti u fit-tul fuq il-futur tal-Unjoni Ewropea;

Or. en

Emenda 79
Sandro Gozi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ia (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ia. billi l-ispeċifiċitajiet ġeografiċi u l-post tar-reġjuni ultraperiferiċi jirrikjedu miżuri ta' politika speċifiċi fl-atti leġiżlattivi tal-UE rilevanti kollha, f'konformità mal-Artikolu 349 tat-TFUE;

Or. en

Emenda 80
Elsi Katainen, Dan Barna

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa J

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
J. billi l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna għandha impatt b'saħħtu fuq l-impjiegi, l-iżvilupp ekonomiku u l-opportunitajiet, u l-benesseri ġenerali tal-popolazzjoni li tgħix f'reġjuni li jmissu mal-Ukrajna, il-	J. billi l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna għandha impatt b'saħħtu fuq l-impjiegi, l-iżvilupp ekonomiku u l-opportunitajiet, u l-benesseri ġenerali tal-popolazzjoni li tgħix f'reġjuni li jmissu mal-Ukrajna, il-

Belarussja u r-Russja; billi din il-gwerra twassal għal għadd bla preċedent ta' persuni li qed ifittxu kenn fl-UE, u dan ipoġġi piż addizzjonali fuq il-komunitajiet u s-servizzi lokali;	Belarussja u r-Russja; billi din il-gwerra twassal għal għadd bla preċedent ta' persuni li qed ifittxu kenn fl-UE, u dan ipoġġi piż addizzjonali fuq il-komunitajiet u s-servizzi lokali; ***billi s-sigurtà kollettiva tal-UE hija dipendenti ħafna fuq il-vitalità u l-benesseri ta' reġjuni li jinsabu fil-fruntieri esterni tal-UE;***

Or. en

Emenda 81
Krzysztof Hetman

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa J

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
J. billi l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna għandha impatt b'saħħtu fuq l-impjiegi, l-iżvilupp ekonomiku u l-opportunitajiet, u l-benesseri ġenerali tal-popolazzjoni li tgħix f'reġjuni li jmissu mal-Ukrajna, il-Belarussja u r-Russja; billi din il-gwerra twassal għal għadd bla preċedent ta' persuni li qed ifittxu kenn fl-UE, u dan ipoġġi piż addizzjonali fuq il-komunitajiet u s-servizzi lokali;	J. billi l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna għandha impatt b'saħħtu fuq l-impjiegi, l-iżvilupp ekonomiku u l-opportunitajiet, u l-benesseri ġenerali tal-popolazzjoni li tgħix f'reġjuni li jmissu mal-Ukrajna, il-Belarussja***, u dawn ir-reġjuni għalhekk jeħtieġu attenzjoni u appoġġ speċjali***; billi din il-gwerra twassal għal għadd bla preċedent ta' persuni li qed ifittxu kenn fl-UE, u dan ipoġġi piż addizzjonali fuq il-komunitajiet u s-servizzi lokali;

Or. pl

Emenda 82
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa J

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
J. billi l-gwerra ta' aggressjoni tar-	J. billi l-gwerra ta' aggressjoni tar-

Russja kontra l-Ukrajna għandha impatt b'saħħtu fuq l-impjiegi, l-iżvilupp ekonomiku u l-opportunitajiet, u l-benesseri ġenerali tal-popolazzjoni li tgħix f'reġjuni li jmissu mal-Ukrajna, il-Belarussja u r-Russja; billi din il-gwerra twassal għal għadd bla preċedent ta' persuni li qed ifittxu kenn fl-UE, u dan ipoġġi piż addizzjonali fuq il-komunitajiet u s-servizzi lokali;	Russja kontra l-Ukrajna għandha impatt b'saħħtu fuq l-impjiegi, l-iżvilupp ekonomiku ***sostenibbli*** u l-opportunitajiet, u l-benesseri ġenerali tal-popolazzjoni li tgħix f'reġjuni li jmissu mal-Ukrajna, il-Belarussja u r-Russja; billi din il-gwerra twassal għal għadd bla preċedent ta' persuni li qed ifittxu kenn fl-UE, u dan ipoġġi piż addizzjonali fuq il-komunitajiet u s-servizzi lokali;

Or. en

Emenda 83
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ja (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ja. billi l-pandemija u t-tensjonijiet ġeopolitiċi attwali kkonfermaw il-ħtieġa li ssir ħidma lejn Qafas ta' Governanza Ekonomika mġedded, li jinkludi l-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, u li tiġi introdotta regola tad-deheb għall-investimenti tal-Politika ta' Koeżjoni li ma jiddevjawx mir-rispett tal-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi, inkluż il-kofinanzjament tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment;

Or. en

Emenda 84
Krzysztof Hetman

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ja (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi 79 % taċ-ċittadini li jafu dwar il-proġetti ffinanzjati mill-UE taħt il-

politika ta' koeżjoni jemmnu li l-proġetti ffinanzjati mill-UE għandhom impatt pożittiv fuq ir-reġjuni[1a], li jikkontribwixxi għal attitudni favur l-UE;

[1a] Stħarriġ tal-Ewrobarometru Flash dwar l-għarfien u l-perċezzjonijiet taċ-ċittadini tal-Politika Reġjonali tal-UE għall-2023, affarijiet pubbliċi Ewropej ta' Ipsos, stħarriġ ikkummissjonat mid-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana u kkoordinat mid-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni, 2023;

Or. pl

Emenda 85
Kathleen Funchion
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ja (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ja. billi s-sitwazzjoni unika fl-Irlanda ta' Fuq tirrikjedi approċċ imfassal apposta li jibni fuq il-benefiċċji tal-Programmi PEACE billi jiġi eżaminat kif politika ta' koeżjoni usa' tista' tkun ta' benefiċċju għall-proċess ta' rikonċiljazzjoni;

Or. en

Emenda 86
Krzysztof Hetman

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Jb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

Jb. billi mill-2021 l-għarfien ġenerali dwar il-proġetti ffinanzjati mill-UE taħt il-politika ta' koeżjoni naqas b'2 punti perċentwali[1a], u għalhekk għandha tiġi segwita deċentralizzazzjoni akbar sabiex il-politika ta' koeżjoni tinġieb saħansitra eqreb taċ-ċittadin;

[1a] Stħarriġ tal-Ewrobarometru Flash dwar l-għarfien u l-perċezzjonijiet taċ-ċittadini tal-Politika Reġjonali tal-UE għall-2023, affarijiet pubbliċi Ewropej ta' Ipsos, stħarriġ ikkummissjonat mid-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana u kkoordinat mid-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni, 2021 u 2023;

Or. pl

Emenda 87
André Rougé, Rody Tolassy

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jinsisti li l-enfasi reġjonali, l-approċċ ibbażat fuq il-post u l-ippjanar strateġiku tal-politika ta' koeżjoni, kif ukoll il-programmazzjoni deċentralizzata u l-mudell ta' implimentazzjoni tiegħu bbażati fuq il-prinċipju tas-sħubija u l-governanza f'diversi livelli, huma elementi ewlenin tal-politika, u jiddeterminaw l-effettività tagħha; huwa konvint bis-sħiħ li dan il-mudell tal-politika ta' koeżjoni għandu jitkompla bħala l-istrument ta' investiment ewlieni tal-UE biex inaqqas id-disparitajiet, jiżgura l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u jistimula t-tkabbir sostenibbli reġjonali u lokali, u bħala kontributur ewlieni għall-kompetittività u t-tranżizzjoni ġusta tal-UE, kif ukoll biex jgħin jiġu indirizzati l-isfidi li ġejjin;	1. Jinsisti li l-enfasi reġjonali, l-approċċ ibbażat fuq il-post u l-ippjanar strateġiku tal-politika ta' koeżjoni, kif ukoll il-programmazzjoni deċentralizzata u l-mudell ta' implimentazzjoni tiegħu bbażati fuq il-prinċipju tas-sħubija u l-governanza f'diversi livelli, huma elementi ewlenin tal-politika, u jiddeterminaw l-effettività tagħha; huwa konvint bis-sħiħ li dan il-mudell tal-politika ta' koeżjoni għandu jitkompla bħala l-istrument ta' investiment ewlieni tal-UE biex inaqqas id-disparitajiet, jiżgura l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u jistimula t-tkabbir sostenibbli reġjonali u lokali, u bħala kontributur ewlieni għall-kompetittività u t-tranżizzjoni ġusta tal-UE, kif ukoll biex jgħin jiġu indirizzati l-isfidi li ġejjin; ***iżda***

jesprimi riżervi dwar il-merti tal-governanza f'diversi livelli, li tista' toħloq anqas ċarezza ta' din il-politika u tikkontribwixxi għal interreġjonalità li titbiegħed mill-prinċipji tal-kostruzzjoni Ewropea bbażata fuq il-kooperazzjoni hielsa tan-Nazzjonijiet Uniti sovrani u mhux fuq kooperazzjoni f'livell sottonazzjonali bejn ir-reġjuni;

Or. fr

Emenda 88
Tamás Deutsch

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jinsisti li l-enfasi reġjonali, l-approċċ ibbażat fuq il-post u l-ippjanar strateġiku tal-politika ta' koeżjoni, kif ukoll il-programmazzjoni deċentralizzata u l-mudell ta' implimentazzjoni tiegħu bbażati fuq il-prinċipju tas-sħubija u l-governanza f'diversi livelli, huma elementi ewlenin tal-politika, u jiddeterminaw l-effettività tagħha; huwa konvint bis-sħiħ li dan il-mudell tal-politika ta' koeżjoni għandu jitkompla bħala l-istrument ta' investiment ewlieni tal-UE biex inaqqas id-disparitajiet, jiżgura l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u jistimula t-tkabbir sostenibbli reġjonali u lokali, u bħala kontributur ewlieni għall-kompetittività u t-tranżizzjoni ġusta tal-UE, kif ukoll biex jgħin jiġu indirizzati l-isfidi li ġejjin;	1. Jinsisti li l-enfasi reġjonali, l-approċċ ibbażat fuq il-post u l-ippjanar strateġiku tal-politika ta' koeżjoni, kif ukoll il-programmazzjoni deċentralizzata u l-mudell ta' implimentazzjoni tiegħu bbażati fuq il-prinċipju tas-sħubija***, il-ġestjoni kondiviża*** u l-governanza f'diversi livelli, huma elementi ewlenin tal-politika ***li jistgħu jitfasslu apposta fil-prattika***, u jiddeterminaw l-effettività tagħha; huwa konvint bis-sħiħ li dan il-mudell tal-politika ta' koeżjoni għandu jitkompla bħala l-istrument ta' investiment ***fuq terminu twil*** ewlieni tal-UE biex inaqqas id-disparitajiet ***u n-nuqqas ta' progress tar-reġjuni l-anqas favoriti***, jiżgura l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u jistimula t-tkabbir sostenibbli reġjonali u lokali, u bħala kontributur ewlieni għall-kompetittività u t-tranżizzjoni ġusta tal-UE, kif ukoll biex jgħin jiġu indirizzati l-isfidi li ġejjin;

Or. en

Emenda 89
Marcos Ros Sempere, Nora Mebarek, Sérgio Gonçalves, Raffaele Topo, Rosa Serrano Sierra, Hannes Heide, Matthias Ecke

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jinsisti li l-enfasi reġjonali, l-approċċ ibbażat fuq il-post u l-ippjanar strateġiku tal-politika ta' koeżjoni, kif ukoll il-programmazzjoni deċentralizzata u l-mudell ta' implimentazzjoni tiegħu bbażati fuq il-prinċipju tas-sħubija u l-governanza f'diversi livelli, huma elementi ewlenin tal-politika, u jiddeterminaw l-effettività tagħha; huwa konvint bis-sħiħ li dan il-mudell tal-politika ta' koeżjoni għandu jitkompla bħala l-istrument ta' investiment ewlieni tal-UE biex inaqqas id-disparitajiet, jiżgura l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u jistimula t-tkabbir sostenibbli reġjonali u lokali, u bħala kontributur ewlieni għall-kompetittività u t-tranżizzjoni ġusta tal-UE, kif ukoll biex jgħin jiġu indirizzati l-isfidi li ġejjin;	1. Jinsisti li l-enfasi reġjonali, l-approċċ ibbażat fuq il-post u l-ippjanar strateġiku tal-politika ta' koeżjoni, kif ukoll il-programmazzjoni deċentralizzata u l-mudell ta' implimentazzjoni tiegħu bbażati fuq il-prinċipju tas-sħubija u l-governanza f'diversi livelli, huma elementi ewlenin tal-politika, u jiddeterminaw l-effettività tagħha; huwa konvint bis-sħiħ li dan il-mudell tal-politika ta' koeżjoni għandu jitkompla bħala l-istrument ta' investiment ewlieni tal-UE biex inaqqas id-disparitajiet, jiżgura l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u jistimula t-tkabbir sostenibbli reġjonali u lokali, u bħala kontributur ewlieni għall-kompetittività u t-tranżizzjoni ġusta tal-UE, kif ukoll biex jgħin jiġu indirizzati l-isfidi li ġejjin; ***jisħaq li l-politika ta' koeżjoni użat mudell ibbażat fuq riformi u prestazzjoni minn meta twaqqfet;***

Or. en

Emenda 90
Rody Tolassy

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jinsisti li l-enfasi reġjonali, l-approċċ ibbażat fuq il-post u l-ippjanar strateġiku tal-politika ta' koeżjoni, kif ukoll il-programmazzjoni deċentralizzata u l-mudell ta' implimentazzjoni tiegħu bbażati fuq il-prinċipju tas-sħubija u ***l-***	1. Jinsisti li l-enfasi reġjonali, l-approċċ ibbażat fuq il-post u l-ippjanar strateġiku tal-politika ta' koeżjoni, kif ukoll il-programmazzjoni deċentralizzata u l-mudell ta' implimentazzjoni tiegħu bbażati fuq il-prinċipju tas-sħubija u l-

governanza f'diversi livelli, huma elementi ewlenin tal-politika, u jiddeterminaw l-effettività tagħha; huwa konvint bis-sħiħ li dan il-mudell tal-politika ta' koeżjoni għandu jitkompla bħala l-istrument ta' investiment ewlieni tal-UE biex inaqqas id-disparitajiet, jiżgura l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u jistimula t-tkabbir sostenibbli reġjonali u lokali, u bħala kontributur ewlieni għall-kompetittività u t-tranżizzjoni ġusta tal-UE, kif ukoll biex jgħin jiġu indirizzati l-isfidi li ġejjin;	governanza f'diversi livelli ***u l-involviment ta' sħab soċjali u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili***, huma elementi ewlenin tal-politika, u jiddeterminaw l-effettività tagħha ***u kwalunkwe riflessjoni fuq l-evoluzzjoni tal-fond ta' koeżjoni***; huwa konvint bis-sħiħ li dan il-mudell tal-politika ta' koeżjoni għandu jitkompla bħala l-istrument ta' investiment ewlieni tal-UE biex inaqqas id-disparitajiet, jiżgura l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u jistimula t-tkabbir sostenibbli reġjonali u lokali, u bħala kontributur ewlieni għall-kompetittività u t-tranżizzjoni ġusta tal-UE, kif ukoll biex jgħin jiġu indirizzati l-isfidi li ġejjin;
	Or. fr

Emenda 91
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jinsisti li l-enfasi reġjonali, l-approċċ ibbażat fuq il-post u l-ippjanar strateġiku tal-politika ta' koeżjoni, kif ukoll il-programmazzjoni deċentralizzata u l-mudell ta' implimentazzjoni tiegħu bbażati fuq il-prinċipju tas-sħubija u l-governanza f'diversi livelli, huma elementi ewlenin tal-politika, u jiddeterminaw l-effettività tagħha; huwa konvint bis-sħiħ li dan il-mudell tal-politika ta' koeżjoni għandu jitkompla bħala l-istrument ta' investiment ewlieni tal-UE biex inaqqas id-disparitajiet, jiżgura l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u jistimula t-tkabbir sostenibbli reġjonali u lokali, u bħala kontributur ewlieni għall-kompetittività u t-tranżizzjoni ġusta tal-UE, kif ukoll biex jgħin jiġu indirizzati l-isfidi li ġejjin;	1. Jinsisti li l-enfasi reġjonali ***u lokali***, l-approċċ ibbażat fuq il-post u l-ippjanar strateġiku tal-politika ta' koeżjoni, kif ukoll il-programmazzjoni deċentralizzata u l-mudell ta' implimentazzjoni tiegħu bbażati fuq il-prinċipju tas-sħubija u l-governanza f'diversi livelli, huma elementi ewlenin tal-politika, u jiddeterminaw l-effettività tagħha; huwa konvint bis-sħiħ li dan il-mudell tal-politika ta' koeżjoni għandu jitkompla bħala l-istrument ta' investiment ewlieni tal-UE biex inaqqas id-disparitajiet, ***jiġġieled it-tibdil fil-klima,*** jiżgura l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u jistimula t-tkabbir sostenibbli reġjonali u lokali, u bħala kontributur ewlieni ***għall-objettivi tal-Patt Ekoloġiku u l-Ftehim ta' Pariġi,*** għall-kompetittività u t-tranżizzjoni ġusta tal-UE, kif ukoll biex

jgħin jiġu indirizzati l-isfidi li ġejjin;

Or. en

Emenda 92
Krzysztof Hetman

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jinsisti li l-enfasi reġjonali, l-approċċ ibbażat fuq il-post u l-ippjanar strateġiku tal-politika ta' koeżjoni, kif ukoll il-programmazzjoni deċentralizzata u l-mudell ta' implimentazzjoni tiegħu bbażati fuq il-prinċipju tas-sħubija u l-governanza f'diversi livelli, huma elementi ewlenin tal-politika, u jiddeterminaw l-effettività tagħha; huwa konvint bis-sħiħ li dan il-mudell tal-politika ta' koeżjoni għandu jitkompla bħala l-istrument ta' investiment ewlieni tal-UE biex inaqqas id-disparitajiet, jiżgura l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u jistimula t-tkabbir sostenibbli reġjonali u lokali, u bħala kontributur ewlieni għall-kompetittività u t-tranżizzjoni ġusta tal-UE, kif ukoll biex jgħin jiġu indirizzati l-isfidi li ġejjin;	1. Jinsisti li l-enfasi reġjonali, l-approċċ ibbażat fuq il-post u l-ippjanar strateġiku tal-politika ta' koeżjoni, kif ukoll il-programmazzjoni deċentralizzata u l-mudell ta' implimentazzjoni tiegħu bbażati fuq il-prinċipju tas-sħubija u l-governanza f'diversi livelli, huma elementi ewlenin tal-politika, u jiddeterminaw l-effettività tagħha***, u għandhom jiġu estiżi meta jkun possibbli***; huwa konvint bis-sħiħ li dan il-mudell tal-politika ta' koeżjoni għandu jitkompla bħala l-istrument ta' investiment ewlieni tal-UE biex inaqqas id-disparitajiet, jiżgura l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u jistimula t-tkabbir sostenibbli reġjonali u lokali, u bħala kontributur ewlieni għall-kompetittività u t-tranżizzjoni ġusta tal-UE, kif ukoll biex jgħin jiġu indirizzati l-isfidi li ġejjin;

Or. pl

Emenda 93
Kathleen Funchion
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jinsisti li l-enfasi reġjonali, l-approċċ ibbażat fuq il-post u l-ippjanar	1. Jinsisti li l-enfasi reġjonali, l-approċċ ibbażat fuq il-post u l-ippjanar

strateġiku tal-politika ta' koeżjoni, kif ukoll il-programmazzjoni deċentralizzata u l-mudell ta' implimentazzjoni tiegħu bbażati fuq il-prinċipju tas-sħubija u l-governanza f'diversi livelli, huma elementi ewlenin tal-politika, u jiddeterminaw l-effettività tagħha; huwa konvint bis-sħiħ li dan il-mudell tal-politika ta' koeżjoni għandu jitkompla bħala l-istrument ta' investiment ewlieni tal-UE biex inaqqas id-disparitajiet, jiżgura l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u jistimula t-tkabbir sostenibbli reġjonali u lokali***, u bħala kontributur ewlieni għall-kompetittività u t-tranżizzjoni ġusta tal-UE, kif ukoll biex jgħin jiġu indirizzati l-isfidi li ġejjin***;	strateġiku tal-politika ta' koeżjoni, kif ukoll il-programmazzjoni deċentralizzata u l-mudell ta' implimentazzjoni tiegħu bbażati fuq il-prinċipju tas-sħubija u l-governanza f'diversi livelli, huma elementi ewlenin tal-politika, u jiddeterminaw l-effettività tagħha; huwa konvint bis-sħiħ li dan il-mudell tal-politika ta' koeżjoni għandu jitkompla ***u jiġi approfondit*** bħala l-istrument ta' investiment ewlieni tal-UE biex inaqqas id-disparitajiet, jiżgura l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u jistimula t-tkabbir sostenibbli reġjonali u lokali;

Or. en

Emenda 94
Dan Barna, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Joachim Streit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jinsisti li l-enfasi reġjonali, l-approċċ ibbażat fuq il-post u l-ippjanar strateġiku tal-politika ta' koeżjoni, kif ukoll il-programmazzjoni deċentralizzata u l-mudell ta' implimentazzjoni tiegħu bbażati fuq il-prinċipju tas-sħubija u l-governanza f'diversi livelli, huma elementi ewlenin tal-politika, u jiddeterminaw l-effettività tagħha; huwa konvint bis-sħiħ li dan il-mudell tal-politika ta' koeżjoni għandu jitkompla bħala l-istrument ta' investiment ewlieni tal-UE biex inaqqas id-disparitajiet, jiżgura l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u jistimula t-tkabbir sostenibbli reġjonali u lokali, u bħala kontributur ewlieni għall-kompetittività u t-tranżizzjoni ġusta tal-UE, kif ukoll biex jgħin jiġu indirizzati l-isfidi li ġejjin;	1. Jinsisti li l-enfasi reġjonali, l-approċċ ibbażat fuq il-post u l-ippjanar strateġiku tal-politika ta' koeżjoni, kif ukoll il-programmazzjoni deċentralizzata u l-mudell ta' implimentazzjoni tiegħu bbażati fuq il-prinċipju tas-sħubija u l-governanza f'diversi livelli, huma elementi ewlenin tal-politika, u jiddeterminaw l-effettività tagħha; huwa konvint bis-sħiħ li dan il-mudell tal-politika ta' koeżjoni għandu jitkompla bħala l-istrument ta' investiment ewlieni tal-UE biex inaqqas id-disparitajiet, jiżgura l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u jistimula t-tkabbir sostenibbli reġjonali u lokali ***f'konformità ma' strateġiji tal-UE***, u bħala kontributur ewlieni għall-kompetittività u t-tranżizzjoni ġusta tal-UE, kif ukoll biex jgħin jiġu indirizzati l-isfidi li ġejjin;

Or. en

Emenda 95
Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jinsisti li l-enfasi reġjonali, l-approċċ ibbażat fuq il-post u l-ippjanar strateġiku tal-politika ta' koeżjoni, kif ukoll il-programmazzjoni deċentralizzata u l-mudell ta' implimentazzjoni tiegħu bbażati fuq il-prinċipju tas-sħubija u l-governanza f'diversi livelli, huma elementi ewlenin tal-politika, u jiddeterminaw l-effettività tagħha; huwa konvint bis-sħiħ li dan il-mudell tal-politika ta' koeżjoni għandu jitkompla bħala l-istrument ta' investiment ewlieni tal-UE biex inaqqas id-disparitajiet, jiżgura l-koeżjoni ekonomika, soċjali ***u*** territorjali u jistimula t-tkabbir sostenibbli reġjonali u lokali, u bħala kontributur ewlieni għall-kompetittività u t-tranżizzjoni ġusta tal-UE, kif ukoll biex jgħin jiġu indirizzati l-isfidi li ġejjin;	1. Jinsisti li l-enfasi reġjonali, l-approċċ ibbażat fuq il-post u l-ippjanar strateġiku tal-politika ta' koeżjoni, kif ukoll il-programmazzjoni deċentralizzata u l-mudell ta' implimentazzjoni tiegħu bbażati fuq il-prinċipju tas-sħubija u l-governanza f'diversi livelli, huma elementi ewlenin tal-politika, u jiddeterminaw l-effettività tagħha; huwa konvint bis-sħiħ li dan il-mudell tal-politika ta' koeżjoni għandu jitkompla bħala l-istrument ta' investiment ewlieni tal-UE biex inaqqas id-disparitajiet, jiżgura l-koeżjoni ekonomika, soċjali***,*** territorjali ***u ambjentali*** u jistimula t-tkabbir sostenibbli reġjonali u lokali, u bħala kontributur ewlieni għall-kompetittività u t-tranżizzjoni ġusta tal-UE, kif ukoll biex jgħin jiġu indirizzati l-isfidi li ġejjin;

Or. fr

Emenda 96
Nora Mebarek, Sérgio Gonçalves

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jinsisti li l-enfasi reġjonali, l-approċċ ibbażat fuq il-post u l-ippjanar strateġiku tal-politika ta' koeżjoni, kif ukoll il-programmazzjoni deċentralizzata u l-mudell ta' implimentazzjoni tiegħu	1. Jinsisti li l-enfasi reġjonali, l-approċċ ibbażat fuq il-post u l-ippjanar strateġiku tal-politika ta' koeżjoni, kif ukoll il-programmazzjoni deċentralizzata u l-mudell ta' implimentazzjoni tiegħu

bbażati fuq il-prinċipju tas-sħubija u l-governanza f'diversi livelli, huma elementi ewlenin tal-politika, u jiddeterminaw l-effettività tagħha; huwa konvint bis-sħiħ li dan il-mudell tal-politika ta' koeżjoni għandu jitkompla bħala l-istrument ta' investiment ewlieni tal-UE biex inaqqas id-disparitajiet, jiżgura l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u jistimula t-tkabbir sostenibbli reġjonali u lokali, u bħala kontributur ewlieni għall-kompetittività u t-tranżizzjoni ġusta tal-UE, kif ukoll biex jgħin jiġu indirizzati l-isfidi li ġejjin;	bbażati fuq il-prinċipju tas-sħubija u l-governanza f'diversi livelli, huma elementi ewlenin tal-politika, u jiddeterminaw l-effettività tagħha; huwa konvint bis-sħiħ li dan il-mudell tal-politika ta' koeżjoni għandu jitkompla bħala l-istrument ta' investiment ewlieni tal-UE ***fir-reġjuni kollha*** biex inaqqas id-disparitajiet, jiżgura l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u jistimula t-tkabbir sostenibbli reġjonali u lokali, u bħala kontributur ewlieni għall-kompetittività u t-tranżizzjoni ġusta tal-UE, kif ukoll biex jgħin jiġu indirizzati l-isfidi li ġejjin;

Or. en

Emenda 97
Ľubica Karvašová, Ciaran Mullooly, Sandro Gozi, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Dan Barna

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jinsisti li l-enfasi reġjonali, l-approċċ ibbażat fuq il-post u l-ippjanar strateġiku tal-politika ta' koeżjoni, kif ukoll il-programmazzjoni deċentralizzata u l-mudell ta' implimentazzjoni tiegħu bbażati fuq il-prinċipju tas-sħubija u l-governanza f'diversi livelli, huma elementi ewlenin tal-politika, u jiddeterminaw l-effettività tagħha; huwa konvint bis-sħiħ li dan il-mudell tal-politika ta' koeżjoni għandu jitkompla bħala l-istrument ta' investiment ***ewlieni*** tal-UE biex inaqqas id-disparitajiet, jiżgura l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u jistimula t-tkabbir sostenibbli reġjonali u lokali, u bħala kontributur ewlieni għall-kompetittività u t-tranżizzjoni ġusta tal-UE, kif ukoll biex jgħin jiġu indirizzati l-isfidi li ġejjin;	1. Jinsisti li l-enfasi reġjonali, l-approċċ ibbażat fuq il-post u l-ippjanar strateġiku tal-politika ta' koeżjoni, kif ukoll il-programmazzjoni deċentralizzata u l-mudell ta' implimentazzjoni tiegħu bbażati fuq il-prinċipju tas-sħubija u l-governanza f'diversi livelli, huma elementi ewlenin tal-politika, u jiddeterminaw l-effettività tagħha; huwa konvint bis-sħiħ li dan il-mudell tal-politika ta' koeżjoni għandu jitkompla bħala l-istrument ta' investiment ***fuq terminu twil*** tal-UE biex inaqqas id-disparitajiet, jiżgura l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u jistimula t-tkabbir sostenibbli reġjonali u lokali, u bħala kontributur ewlieni għall-kompetittività u t-tranżizzjoni ġusta tal-UE, kif ukoll biex jgħin jiġu indirizzati l-isfidi li ġejjin;

Or. en

Emenda 98
Sérgio Gonçalves, Marcos Ros Sempere, Hannes Heide, Rosa Serrano Sierra, Nora Mebarek, Sabrina Repp, Matthias Ecke

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jinsisti li l-enfasi reġjonali, l-approċċ ibbażat fuq il-post u l-ippjanar strateġiku tal-politika ta' koeżjoni, kif ukoll il-programmazzjoni deċentralizzata u l-mudell ta' implimentazzjoni tiegħu bbażati fuq il-prinċipju tas-sħubija u l-governanza f'diversi livelli, huma elementi ewlenin tal-politika, u jiddeterminaw l-effettività tagħha; huwa konvint bis-sħiħ li dan il-mudell tal-politika ta' koeżjoni għandu jitkompla bħala l-istrument ta' investiment ewlieni tal-UE biex inaqqas id-disparitajiet, jiżgura l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u jistimula t-tkabbir sostenibbli reġjonali u lokali, u bħala kontributur ewlieni għall-kompetittività u t-tranżizzjoni ġusta tal-UE, kif ukoll biex jgħin jiġu indirizzati l-isfidi li ġejjin;	1. Jinsisti li l-enfasi reġjonali, l-approċċ ibbażat fuq il-post u l-ippjanar strateġiku tal-politika ta' koeżjoni, kif ukoll il-programmazzjoni deċentralizzata u l-mudell ta' implimentazzjoni tiegħu bbażati fuq il-prinċipju tas-sħubija u l-governanza f'diversi livelli, huma elementi ewlenin tal-politika, u jiddeterminaw l-effettività tagħha; huwa konvint bis-sħiħ li dan il-mudell tal-politika ta' koeżjoni għandu jitkompla bħala l-istrument ta' investiment ewlieni tal-UE biex inaqqas id-disparitajiet, jiżgura l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u jistimula t-tkabbir sostenibbli reġjonali u lokali, u bħala kontributur ewlieni għall-kompetittività u t-tranżizzjoni ġusta tal-UE, kif ukoll biex jgħin jiġu indirizzati l-isfidi ***ġodda*** li ġejjin;

Or. en

Emenda 99
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jissottolinja li l-kontinent Ewropew qed jisħon malajr aktar mill-bqija tad-dinja u li r-riskji li joħloq it-tibdil fil-klima se jsiru aktar kumplessi u diffiċli biex jiġu indirizzati u jappella għal investiment akbar f'miżuri ta'

mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u adattament għalih, kif ukoll fit-tħejjija f'każ ta' emerġenza;

Or. en

Emenda 100
Marcos Ros Sempere, Nora Mebarek, Sérgio Gonçalves, Raffaele Topo, Rosa Serrano Sierra, Hannes Heide, Matthias Ecke

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jirrikonoxxi li l-pjanijiet ta' rkupru marbuta mal-fondi tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza huma komplementari mal-programmi tal-Politika ta' Koeżjoni u ma jeskluduhomx; jinnota li l-fondi tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza huma impenjati għall-iżvilupp ekonomiku u għat-tkabbir ekonomiku mingħajr ma jiffokaw fuq koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali bejn ir-reġjuni;

Or. en

Emenda 101
Raffaele Topo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa 1a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jenfasizza l-ħtieġa li tissaħħaħ il-koordinazzjoni bejn l-inizjattivi tal-Aġenda Urbana Ewropea u l-istrumenti tal-politika ta' koeżjoni, filwaqt li jiġi promoss approċċ integrat li jqis l-ispeċifiċitajiet territorjali u l-isfidi emerġenti;

Or. it

Emenda 102
Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jenfasizza li l-Politika ta' Koeżjoni hija l-bażi tal-proġett Ewropew, li tinkorpora s-solidarjetà u l-konvergenza reġjonali, turi liċ-ċittadini l-impatt tanġibbli tal-UE u sservi bħala għodda ewlenija biex jiġi indirizzat l-Ewroxettiċiżmu;

Or. en

Emenda 103
Kathleen Funchion
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jissottolinja li r-reġjuni kollha jridu jkomplu jkunu eliġibbli biex jibbenefikaw mill-politika ta' koeżjoni u li l-politika ta' koeżjoni għandha l-ewwel u qabel kollox tirrappreżenta eżempju pożittiv ta' solidarjetà tal-UE;

Or. en

Emenda 104
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 1b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1b. Iqis li r-riskji klimatiċi jaffettwaw b'mod sproporzjonat lill-popolazzjonijiet vulnerabbli minħabba fatturi soċjoekonomiċi li jkomplu jfixklu l-kapaċità tal-gruppi vulnerabbli li jirkupraw mid-diżastri;

Or. en

Emenda 105
Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1b. Jopponi bis-saħħa ċ-ċentralizzazzjoni tal-programmi ta' finanzjament tal-UE, inkluži dawk taħt ġestjoni kondiviża, bħall-Politika ta' Koeżjoni u l-Politika Agrikola Komuni;

Or. en

Emenda 106
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1c. Jissottolinja li r-Rapport tal-EEA Nru 1/2024 - European Climate Risk Assessment (Valutazzjoni tar-Riskju Klimatiku fl-Ewropa) wissa li l-blokk mhuwiex imħejji għall-effetti tat-tibdil fil-klima anke jekk id-dinja jirnexxilha żżomm iż-żieda fit-temperatura globali

għal 1,5 gradi Celsius, kif stabbilit fil-Ftehim ta' Pariġi; jenfasizza li, skont l-istess rapport, jekk ma titteħidx azzjoni deċiżiva issa, ħafna mir-riskji klimatiċi identifikati (fil-valutazzjoni) jistgħu jilħqu livelli kritiċi jew katastrofiċi sal-aħħar ta' dan is-seklu; jitlob lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jieħdu miżuri b'urġenza biex jerġgħu jpoġġu lill-UE fit-triq it-tajba biex twassal il-kontribut sħiħ tagħha ħalli jintlaħqu l-objettivi kif miftiehem fis-Summit tal-Klima ta' Pariġi;

Or. en

Emenda 107
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1d. Ifakkar li t-tibdil fil-klima jaffettwa b'mod sproporzjonat lir-reġjuni sottożviluppati; jappella, għalhekk, għal mill-anqas 50 % ta' nfiq relatat mal-klima fil-perjodu ta' finanzjament il-ġdid u jenfasizza l-ħtieġa li jiżdiedu l-isforzi fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u tittejjeb il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima b'mod partikolari f'dawk ir-reġjuni; jenfasizza li l-politika ta' koeżjoni trid tappoġġja l-integrazzjoni soda ta' kwistjonijiet klimatiċi fis-setturi kollha u tiżgura li l-programmi u l-proġetti ta' finanzjament kollha tal-UE jkunu inkorporati fi strateġiji li jappoġġjaw objettivi klimatiċi ambizzjużi; jenfasizza l-importanza li l-istrateġiji ambjentali reġjonali jkunu marbuta ma' miri klimatiċi ambizzjużi li jmorru lil hinn mill-mira ġenerali li jkun hemm UE newtrali għall-klima sa mhux aktar tard mill-2050;

Or. en

Emenda 108
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1e. Itenni l-ħtieġa li jissaħħu b'mod urġenti l-politiki tal-UE dwar il-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima, anke fid-dawl tax-xejriet dejjem jikbru ta' eventi ta' temp estrem li seħħew f'dawn l-aħħar snin u xhur fl-UE;

Or. en

Emenda 109
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1f. Jisħaq li l-qafas tal-Politika ta' Koeżjoni mhuwiex strument ta' emerġenza u għandu jippreżerva l-impetu strateġiku u l-viżjoni fit-tul tiegħu, flimkien ma' dimensjoni reġjonali b'saħħitha u approċċ territorjali; itenni l-pożizzjoni li ilha stabbilita tal-Parlament li prijoritajiet ġodda jirrikjedu finanzjament ġdid; jissottolinja f'dan il-kuntest il-ħtieġa urġenti li jitqiegħdu għad-dispożizzjoni Riżorsi Proprji ġodda kif previst fil-Ftehim Interistituzzjonali u l-Pjan Direzzjonali ġdid għar-Riżorsi Proprji;

Or. en

Emenda 110
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Huwa konvint li l-politika ta' koeżjoni tista' tkompli taqdi r-rwol tagħha biss jekk ikollha finanzjament sod; jisħaq li huwa meħtieġ li jiġi pprovdut finanzjament li huwa ambizzjuż biżżejjed biex jippermetti lill-politika ta' koeżjoni tkompli taqdi r-rwol tagħha bħala l-politika ewlenija ta' investiment tal-UE, filwaqt li żżomm il-flessibbiltà biex tilqa' l-isfidi ġodda potenzjali;	2. Huwa konvint li l-politika ta' koeżjoni tista' tkompli taqdi r-rwol tagħha biss jekk ikollha finanzjament sod ***u msaħħaħ; jissottolinja li dan jimplika li l-politika ta' koeżjoni futura trid tkun ipprovduta b'finanzjament robust fir-rigward tal-perjodu finanzjarju ta' wara l-2027***; jisħaq li huwa meħtieġ li jiġi pprovdut finanzjament li huwa ambizzjuż biżżejjed biex jippermetti lill-politika ta' koeżjoni tkompli taqdi r-rwol tagħha bħala l-politika ewlenija ta' investiment tal-UE, filwaqt ***li jkollha kapaċità finanzjarja addizzjonali*** li żżomm il-flessibbiltà biex tilqa' l-isfidi ġodda potenzjali; ***madankollu l-appoġġ ta' emerġenza addizzjonali ma għandux idgħajjef jew jhedded l-approċċ strateġiku tal-perjodu kollu ta' finanzjament;***

Or. en

Emenda 111
Tamás Deutsch

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Huwa konvint li l-politika ta' koeżjoni tista' tkompli taqdi r-rwol tagħha biss jekk ikollha finanzjament sod; jisħaq li huwa meħtieġ li jiġi pprovdut finanzjament li huwa ambizzjuż biżżejjed biex jippermetti lill-politika ta' koeżjoni tkompli taqdi r-rwol tagħha bħala l-politika ewlenija ta' investiment tal-UE, filwaqt li	2. Huwa konvint li l-politika ta' koeżjoni tista' tkompli taqdi r-rwol tagħha biss jekk ikollha finanzjament sod; jisħaq li huwa meħtieġ li jiġi pprovdut finanzjament li huwa ambizzjuż biżżejjed biex jippermetti lill-politika ta' koeżjoni tkompli taqdi r-rwol tagħha bħala l-politika ewlenija ta' investiment tal-UE, filwaqt li

żżomm il-flessibbiltà biex tilqa' l-isfidi ġodda potenzjali;

żżomm il-flessibbiltà biex tilqa' l-isfidi ġodda potenzjali; ***jissottolinja li din il-flessibbiltà għal rispons għal sfidi mhux previsti ma għandhiex iddgħajjef il-viżjoni strateġika tal-politika ta' koeżjoni u r-rwol tradizzjonali tagħha bħala politika ta' investiment fit-tul;***

Or. en

Emenda 112
Nora Mebarek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Huwa konvint li l-politika ta' koeżjoni tista' tkompli taqdi r-rwol tagħha biss jekk ikollha finanzjament sod; jisħaq li huwa meħtieġ li ***jiġi pprovdut finanzjament li huwa ambizzjuż biżżejjed*** biex ***jippermetti*** lill-politika ta' koeżjoni tkompli taqdi r-rwol tagħha bħala l-politika ewlenija ta' investiment tal-UE, filwaqt li żżomm il-flessibbiltà biex tilqa' l-isfidi ġodda potenzjali;	2. Huwa konvint li l-politika ta' koeżjoni tista' tkompli taqdi r-rwol tagħha biss jekk ikollha finanzjament sod; jisħaq li ***għall-perjodu ta' programmazzjoni ta' wara l-2027,*** huwa meħtieġ li ***tiġi pprovduta żieda sostanzjali fil-finanzjament*** biex ***tippermetti*** lill-politika ta' koeżjoni tkompli taqdi r-rwol tagħha bħala l-politika ewlenija ta' investiment tal-UE, filwaqt li ***tappoġġja prijoritajiet ġodda bħall-akkomodazzjoni jew l-adattament għat-tibdil fil-klima u*** żżomm il-flessibbiltà biex tilqa' l-isfidi ġodda potenzjali;

Or. en

Emenda 113
Kathleen Funchion
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Huwa konvint li l-politika ta'	2. Huwa konvint li l-politika ta'

koeżjoni tista' tkompli taqdi r-rwol tagħha biss jekk ikollha finanzjament sod; jisħaq li huwa meħtieġ li jiġi pprovdut finanzjament li huwa ambizzjuż biżżejjed biex jippermetti lill-politika ta' koeżjoni tkompli taqdi r-rwol tagħha bħala l-politika ewlenija ta' investiment tal-UE***, filwaqt li żżomm il-flessibbiltà biex tilqa' l-isfidi ġodda potenzjali***;	koeżjoni tista' tkompli taqdi r-rwol tagħha biss jekk ikollha finanzjament sod ***u suffiċjenti***; jisħaq li huwa meħtieġ li jiġi pprovdut finanzjament li huwa ambizzjuż biżżejjed biex jippermetti lill-politika ta' koeżjoni tkompli taqdi r-rwol tagħha bħala l-politika ewlenija ta' investiment tal-UE ***u li l-ħtif tal-politika ta' koeżjoni għal finijiet oħrajn bħad-difiża mhuwiex aċċettabbli***;
	Or. en

Emenda 114
Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Huwa konvint li l-politika ta' koeżjoni tista' tkompli taqdi r-rwol tagħha biss jekk ikollha finanzjament sod; jisħaq li huwa meħtieġ li jiġi pprovdut finanzjament li huwa ambizzjuż biżżejjed biex jippermetti lill-politika ta' koeżjoni tkompli taqdi r-rwol tagħha bħala l-politika ewlenija ta' investiment tal-UE, filwaqt li żżomm il-flessibbiltà biex tilqa' l-isfidi ġodda potenzjali;	2. Huwa konvint li l-politika ta' koeżjoni tista' tkompli taqdi r-rwol tagħha biss jekk ikollha finanzjament sod; jisħaq li huwa meħtieġ li jiġi pprovdut finanzjament li huwa ambizzjuż biżżejjed ***u b'aċċess faċli*** biex jippermetti lill-politika ta' koeżjoni tkompli taqdi r-rwol tagħha bħala l-politika ewlenija ta' investiment tal-UE, filwaqt li żżomm il-flessibbiltà biex tilqa' l-isfidi ġodda potenzjali;
	Or. fr

Emenda 115
Ľubica Karvašová, Ciaran Mullooly, Sandro Gozi, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Dan Barna

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jenfasizza, madankollu, li l-politika ta' koeżjoni mhijiex strument ta'

kriżi u jitlob li jiġi estiż l-ambitu tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE), jew li jiġi fformat strument ta' kriżi separat, sabiex jiġi żviluppat strument xieraq li kapaċi jirrispondi b'mod adegwat għal diżastri naturali jew emerġenzi tas-saħħa futuri; jishaq, fl-istess waqt, li l-politika ta' koeżjoni għandha l-għan li toħloq investimenti li jibqgħu validi fil-futur li jsaħħu r-reżiljenza, jippermettu t-tħejjija għall-kriżijiet relatati mat-tibdil fil-klima u jappoġġjaw sforzi għal bini mill-ġdid aħjar;

Or. en

Emenda 116
Kathleen Funchion
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jinsisti li l-politika ta' koeżjoni għandha tkun konformi mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU u l-impenji klimatiċi tal-UE; u li l-azzjonijiet kollha jkunu konsistenti mal-appoġġ tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, id-drittijiet tal-ħaddiema, il-prinċipji demokratiċi, id-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà, id-drittijiet tat-tfal u d-drittijiet tal-bniedem;

Or. en

Emenda 117
Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Iqis li, fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2028-2034, il-baġit tal-Politika ta' Koeżjoni jrid jinżamm f'allokazzjoni minima ta' 30 %, bħalma huwa l-każ fil-QFP 2021-2027 attwali, biex ikun żgurat ir-rwol ewlieni tiegħu fit-tnaqqis tad-disparitajiet reġjonali u fit-tisħiħ tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fl-UE kollha;

Or. en

Emenda 118
Marcos Ros Sempere, Sérgio Gonçalves, Raffaele Topo, Hannes Heide, Nora Mebarek, Matthias Ecke, Sabrina Repp, Rosa Serrano Sierra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Itenni l-ħtieġa ta' Politika ta' Koeżjoni ta' wara l-2027 aktar ambizzjuża fil-QFP 2028-2034 li jmiss, iffinanzjata bir-riżorsi proprji tal-UE ġodda, li tindirizza l-objettivi fundamentali tagħha: li ssolvi d-disparitajiet reġjonali, sabiex jiġi ggarantit id-dritt taċ-ċittadini li jibqgħu fit-territorju, speċjalment f'żoni rurali u urbani;

Or. en

Emenda 119
Francesco Ventola, Denis Nesci, Antonella Sberna, Giuseppe Milazzo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jissottolinja l-importanza tal-qafas finanzjarju pluriennali tal-UE li jmiss u r-

Rieżami ta' nofs it-terminu tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni 2021-2027 fit-tfassil tal-futur tal-politika ta' koeżjoni;

Or. en

Emenda 120
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jipproponi għalhekk li l-QFP li jmiss jeħtieġ li jkun aktar adattabbli għal ħtiġijiet mhux previsti, inkluż b'marġnijiet u flessibbiltajiet suffiċjenti mill-bidu nett;

Or. en

Emenda 121
Jacek Protas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Iqis li hemm bżonn jissaħħaħ ir-rispett għall-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali fl-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni;

Or. en

Emenda 122
Raquel García Hermida-Van Der Walle

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jenfasizza l-ħtieġa ta' kontroll parlamentari adegwat għal kwalunkwe fond u strument ta' emerġenza;

Or. en

Emenda 123
Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2b. Jappella li l-Politika ta' Koeżjoni, jekk tibqa' l-istrument primarju tal-UE għall-indirizzar ta' kriżijiet emerġenti u prijoritajiet politiċi ġodda, tirċievi l-akbar sehem ta' finanzjament fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2028-2034, li jiżgura li tkun tista' tissodisfa r-rwol strateġiku tagħha għall-promozzjoni tal-istabbiltà, tar-reżiljenza u tal-iżvilupp ibbilanċjat fl-UE kollha;

Or. en

Emenda 124
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2b. Jisħaq li dewmien fin-negozjati tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP), flimkien mal-programmazzjoni tal-fondi tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, li fuqhom l-Istati Membri ffukaw aktar, iwassal għal dewmien konsiderevoli fil-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027;

jisħaq għalhekk fuq l-importanza ta' ftehim f'waqtu fil-qafas li jmiss;

Or. en

Emenda 125
Kathleen Funchion
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2b. Jappella li l-QFP li jmiss jiżgura li l-politika ta' koeżjoni tkompli tirċievi mill-anqas l-istess livell ta' finanzjament bħall-perjodu attwali f'termini reali; jappella, barra minn hekk, li l-politika ta' koeżjoni tibqa' intestatura unika fil-QFP il-ġdid;

Or. en

Emenda 126
Ľubica Karvašová, Elsi Katainen, Ciaran Mullooly, Sandro Gozi, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Dan Barna

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2b. Jissottolinja li l-politika ta' koeżjoni għandha tiġi implimentata f'konformità mal-prinċipji ta' governanza tajba u għandha tikkontribwixxi għat-tisħiħ tad-demokrazija u l-istat tad-dritt fl-Unjoni Ewropea;

Or. en

Emenda 127
Kathleen Funchion

f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2c. Jisħaq li l-politika ta' koeżjoni għandha tiġi protetta minn xokkijiet statistiċi li jistgħu jibdlu l-eliġibbiltà ta' reġjuni billi jinbidel il-PDG medju tal-UE, pereżempju xokkijiet statistiċi kkawżati mit-tkabbir;

Or. en

Emenda 128
Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2c. Iħeġġeġ li r-rata ta' kofinanzjament tiġi ddeterminata fil-livell NUTS 3 biex tirrifletti b'mod aktar preċiż il-livelli ta' żvilupp u l-kapaċitajiet baġitarji lokali, li jistgħu jkunu injorati f'valutazzjonijiet ta' livell NUTS 2;

Or. en

Emenda 129
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jitlob li jsiru aktar sforzi biex jiġu ssimplifikati u razzjonalizzati r-regoli u l-proċeduri amministrattivi li jirregolaw il-	3. Jitlob li jsiru aktar sforzi biex jiġu ssimplifikati***, jissaħħu s-sinerġiji*** u razzjonalizzati r-regoli u l-proċeduri

fondi tal-politika ta’ koeżjoni, li jibnu fuq il-qafas ta’ ġestjoni kondiviża eżistenti u stabbilit sew, sabiex tissaħħaħ ***il-fiduċja*** fost l-utenti, u b’hekk titħeġġeġ il-parteċipazzjoni ta’ firxa usa’ ta’ atturi fi proġetti ***appoġġati*** u ***jiġi massimizzat l-impatt*** tal-fondi;

amministrattivi li jirregolaw il-fondi tal-politika ta’ koeżjoni, ***billi tiġi opposta kwalunkwe forma ta’ riforma ta’ ċentralizzazzjoni minn fuq għal isfel tal-politika ta’ koeżjoni, iżda*** li jibnu fuq il-qafas ta’ ġestjoni kondiviża eżistenti u stabbilit sew ***u strateġiku***, sabiex tissaħħaħ ***il-kontinwità u l-fiduċja*** fost l-utenti, u b’hekk titħeġġeġ il-parteċipazzjoni ta’ firxa usa’ ta’ atturi fi proġetti appoġġati u ***jiġu massimizzati*** u ***mmultiplikati l-impatti*** tal-fondi; ***jisħaq għalhekk fuq l-importanza li jissaħħaħ il-prinċipju tal-awditu uniku, li jitwessgħu aktar l-SCOs (għażliet ta’ kostijiet issimplifikati) u li jitnaqqsu l-kontrolli u l-awditi doppji li jikkoinċidu mas-sorveljanza nazzjonali għall-istess proġett u benefiċjarju;***

Or. en

Emenda 130
Nora Mebarek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jitlob li jsiru aktar sforzi biex jiġu ssimplifikati u razzjonalizzati r-regoli u l-proċeduri amministrattivi li jirregolaw il-fondi tal-politika ta’ koeżjoni, li jibnu fuq il-qafas ta’ ġestjoni kondiviża eżistenti u stabbilit sew, sabiex tissaħħaħ il-fiduċja fost l-utenti, u b’hekk titħeġġeġ il-parteċipazzjoni ta’ firxa usa’ ta’ atturi fi proġetti ***appoġġati*** u jiġi massimizzat l-impatt tal-fondi;	3. Jitlob li jsiru aktar sforzi biex jiġu ssimplifikati u razzjonalizzati r-regoli u l-proċeduri amministrattivi li jirregolaw il-fondi tal-politika ta’ koeżjoni, li jibnu fuq il-qafas ta’ ġestjoni kondiviża eżistenti u stabbilit sew, sabiex tissaħħaħ il-fiduċja fost l-utenti, u b’hekk titħeġġeġ il-parteċipazzjoni ta’ firxa usa’ ta’ atturi fi proġetti ***appoġġjati*** u jiġi massimizzat l-impatt tal-fondi; ***jappoġġja, b’mod partikolari, approċċ kompletament imġedded għall-ġestjoni tar-riskju, li jinkludi l-prinċipji tal-proporzjonalità, tal-prevenzjoni u tad-“dritt li wieħed jagħmel żball” għall-awtoritajiet ta’ ġestjoni li għandhom rekord ippruvat fil-ġestjoni tajba ta’ fondi tal-Istrument għall-Appoġġ***

ta' Emerġenza;

Or. en

Emenda 131
Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jitlob li jsiru aktar sforzi biex jiġu ssimplifikati u razzjonalizzati r-regoli u l-proċeduri amministrattivi li jirregolaw il-fondi tal-politika ta' koeżjoni, li jibnu fuq il-qafas ta' ġestjoni kondiviża eżistenti u stabbilit sew, sabiex tissaħħaħ il-fiduċja fost l-utenti, u b'hekk titħeġġeġ il-parteċipazzjoni ta' firxa usa' ta' atturi fi proġetti ***appoġġati*** u jiġi massimizzat l-impatt tal-fondi;	3. Jitlob li jsiru aktar sforzi biex jiġu ssimplifikati u razzjonalizzati r-regoli u l-proċeduri amministrattivi li jirregolaw il-fondi tal-politika ta' koeżjoni, li jibnu fuq il-qafas ta' ġestjoni kondiviża eżistenti u stabbilit sew, sabiex tissaħħaħ il-fiduċja fost l-utenti, u b'hekk titħeġġeġ il-parteċipazzjoni ta' firxa usa' ta' atturi fi proġetti ***appoġġjati*** u jiġi massimizzat l-impatt tal-fondi; ***l-amministrazzjonijiet, li ta' spiss huma żgħar, jeħtiġilhom jingħataw is-setgħa teknika bil-ħsieb li tittejjeb il-ġestjoni amministrattiva ta' dawn il-fondi;***

Or. pt

Emenda 132
Francesco Ventola, Denis Nesci, Antonella Sberna, Giuseppe Milazzo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jitlob li jsiru aktar sforzi biex jiġu ssimplifikati u razzjonalizzati r-regoli u l-proċeduri amministrattivi li jirregolaw il-fondi tal-politika ta' koeżjoni, li jibnu fuq il-qafas ta' ġestjoni kondiviża eżistenti u stabbilit sew, sabiex tissaħħaħ il-fiduċja fost l-utenti, u b'hekk titħeġġeġ il-parteċipazzjoni ta' firxa usa' ta' atturi fi	3. Jitlob li jsiru aktar sforzi biex jiġu ssimplifikati u razzjonalizzati r-regoli u l-proċeduri amministrattivi li jirregolaw il-fondi tal-politika ta' koeżjoni, li jibnu fuq il-qafas ta' ġestjoni kondiviża eżistenti u stabbilit sew, sabiex tissaħħaħ il-fiduċja fost l-utenti ***u jiġi appoġġjat l-istabbiliment ta' ċentri ta' punt uniku ta'***

proġetti ***appoġġati*** u jiġi massimizzat l-impatt tal-fondi;	***servizzi diġitalizzati biex jiżdiedu l-aċċessibbiltà u l-effiċjenza***, u b'hekk titħeġġeġ il-parteċipazzjoni ta' firxa usa' ta' atturi fi proġetti ***appoġġjati*** u jiġi massimizzat l-impatt tal-fondi;
	Or. en

Emenda 133
Tamás Deutsch

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jitlob li jsiru aktar sforzi biex jiġu ssimplifikati u razzjonalizzati r-regoli u l-proċeduri amministrattivi li jirregolaw il-fondi tal-politika ta' koeżjoni, li jibnu fuq il-qafas ta' ġestjoni kondiviża eżistenti u stabbilit sew, sabiex tissaħħaħ il-fiduċja fost l-utenti, u b'hekk titħeġġeġ il-parteċipazzjoni ta' firxa usa' ta' atturi fi proġetti ***appoġġati*** u jiġi massimizzat l-impatt tal-fondi;	3. Jitlob li jsiru aktar sforzi biex jiġu ssimplifikati u razzjonalizzati r-regoli u l-proċeduri amministrattivi li jirregolaw il-fondi tal-politika ta' koeżjoni, li jibnu fuq il-qafas ta' ġestjoni kondiviża eżistenti u stabbilit sew, sabiex tissaħħaħ il-fiduċja fost l-utenti, u b'hekk titħeġġeġ il-parteċipazzjoni ta' firxa usa' ta' atturi fi proġetti ***appoġġjati*** u jiġi massimizzat l-impatt tal-fondi; ***għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-SMEs; l-obbligi amministrattivi, regolatorji u ta' rapportar tagħhom għandhom jitnaqqsu mingħajr dewmien;***
	Or. en

Emenda 134
Sabrina Repp, Matthias Ecke, Hannes Heide

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jitlob li jsiru aktar sforzi biex jiġu ssimplifikati u razzjonalizzati r-regoli u l-proċeduri amministrattivi li jirregolaw il-fondi tal-politika ta' koeżjoni, li jibnu fuq	3. Jitlob li jsiru aktar sforzi biex jiġu ssimplifikati u razzjonalizzati r-regoli u l-proċeduri amministrattivi li jirregolaw il-fondi tal-politika ta' koeżjoni, li jibnu fuq

il-qafas ta’ ġestjoni kondiviża eżistenti u stabbilit sew, sabiex tissaħħaħ il-fiduċja fost l-utenti, u b’hekk titħeġġeġ il-parteċipazzjoni ta’ firxa usa’ ta’ atturi fi proġetti ***appoġġati*** u jiġi massimizzat l-impatt tal-fondi;

il-qafas ta’ ġestjoni kondiviża eżistenti u stabbilit sew, ***li jagħmlu l-fondi tal-politika ta’ koeżjoni aktar flessibbli u jippermettu lill-benefiċjarji jrawmu l-iżvilupp lokali*** sabiex tissaħħaħ il-fiduċja fost l-utenti, u b’hekk titħeġġeġ il-parteċipazzjoni ta’ firxa usa’ ta’ atturi fi proġetti ***appoġġjati*** u jiġi massimizzat l-impatt tal-fondi;

Or. en

Emenda 135
Sérgio Gonçalves, Marcos Ros Sempere, Hannes Heide, Rosa Serrano Sierra, Nora Mebarek, Sabrina Repp, Matthias Ecke

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jitlob li jsiru aktar sforzi biex jiġu ssimplifikati u razzjonalizzati r-regoli u l-proċeduri amministrattivi li jirregolaw il-fondi tal-politika ta’ koeżjoni, li jibnu fuq il-qafas ta’ ġestjoni kondiviża eżistenti u stabbilit sew, sabiex tissaħħaħ il-fiduċja fost l-utenti, u b’hekk titħeġġeġ il-parteċipazzjoni ta’ firxa usa’ ta’ atturi fi proġetti ***appoġġati*** u jiġi massimizzat l-impatt tal-fondi;	3. Jitlob li jsiru aktar sforzi biex jiġu ssimplifikati u razzjonalizzati r-regoli u l-proċeduri amministrattivi li jirregolaw il-fondi tal-politika ta’ koeżjoni, ***filwaqt*** li ***jieħdu vantaġġ sħiħ minn teknoloġiji bħall-Intelliġenza Artifiċjali u*** jibnu fuq il-qafas ta’ ġestjoni kondiviża eżistenti u stabbilit sew, sabiex tissaħħaħ il-fiduċja fost l-utenti, u b’hekk titħeġġeġ il-parteċipazzjoni ta’ firxa usa’ ta’ atturi fi proġetti ***appoġġjati*** u jiġi massimizzat l-impatt tal-fondi;

Or. en

Emenda 136
Dan Barna, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Joachim Streit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jitlob li jsiru aktar sforzi biex jiġu	3. Jitlob li jsiru aktar sforzi biex jiġu

ssimplifikati u razzjonalizzati r-regoli u l-proċeduri amministrattivi li jirregolaw il-fondi tal-politika ta' koeżjoni, li jibnu fuq il-qafas ta' ġestjoni kondiviża eżistenti u stabbilit sew, sabiex tissaħħaħ il-fiduċja fost l-utenti, u b'hekk titħeġġeġ il-parteċipazzjoni ta' firxa usa' ta' atturi fi proġetti ***appoġġati*** u jiġi massimizzat l-impatt tal-fondi;	ssimplifikati u razzjonalizzati r-regoli u l-proċeduri amministrattivi li jirregolaw il-fondi tal-politika ta' koeżjoni, li jibnu fuq il-qafas ta' ġestjoni kondiviża eżistenti u stabbilit sew, sabiex tissaħħaħ il-fiduċja fost l-utenti, u b'hekk titħeġġeġ il-parteċipazzjoni ta' firxa usa' ta' atturi ***ekonomiċi u ċivili*** fi proġetti ***appoġġjati*** u jiġi massimizzat l-impatt tal-fondi;

Or. en

Emenda 137
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi aktar miżuri biex jiġi pprevenut u evitat finanzjament doppju inklużi miżuri ta' rkupru speċifiċi u taċċellera x-xogħol li għaddej biex tiżgura interoperabbiltà tal-għodod ta' estrazzjoni tad-data u li l-użu tagħhom isir obbligatorju għall-Istati Membri kollha ladarba jkun hemm l-isfond tekniku f'konformità mal-ftehim milħuq matul in-negozjati tar-Riformulazzjoni tar-Regolament Finanzjarju; jisħaq, barra minn hekk, fuq il-ħtieġa li tittejjeb it-trasparenza u l-għarfien dettaljat tal-benefiċjarji finali u r-riċevituri finali tal-fondi, bil-għan li jitnaqqsu r-riskji ta' korruzzjoni u konflitti ta' interess tal-PEPs (persuni esposti politikament) li jibbenefikaw mill-proċess;

Or. en

Emenda 138
Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Jirrikonoxxi li filwaqt li ġew introdotti xi miżuri ta' simplifikazzjoni fil-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027, l-Awtoritajiet ta' Ġestjoni u l-benefiċjarji jibqgħu jiffaċċjaw ostakli amministrattivi eċċessivi; iwissi li l-burokrazija żejda tista' twaqqaf lill-muniċipalitajiet u lir-reġjuni b'kapaċità amministrattiva limitata—dawk l-aktar li jeħtieġu Fondi ta' Koeżjoni—milli jaċċessaw il-Politika ta' Koeżjoni b'mod sħiħ; jitlob li l-qafas tal-Politika ta' Koeżjoni 2028-2034 jintroduċi simplifikazzjonijiet kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali, li jiżguraw sett uniku ta' regoli fil-fondi kollha sabiex ikun iffaċilitat l-aċċess għall-benefiċjarji u jiġu mmassimizzati r-rati ta' assorbiment tal-Istati Membri;

Or. en

Emenda 139
Ľubica Karvašová, Ciaran Mullooly, Sandro Gozi, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Jappella għal involviment imsaħħaħ tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fid-definizzjoni u fl-implimentazzjoni tal-prijoritajiet tal-politika ta' koeżjoni, filwaqt li jiġi żgurat li l-ħtiġijiet u l-perspettivi speċifiċi tagħhom jiġu riflessi b'mod adegwat; jappella għall-istabbiliment ta' mekkaniżmi biex jiġi ffaċilitat l-aċċess direct għall-fondi ta' koeżjoni mill-awtoritajiet lokali u reġjonali biex jittejbu

l-effiċjenza u l-kapaċità ta' rispons fl-indirizzar tal-isfidi lokali; jenfasizza l-ħtieġa ta' aġenda speċifika għall-bliet, li għandhom l-isfidi uniċi tagħhom, b'mod partikolari f'termini ta' sostenibbiltà u żvilupp urban fit-tul;

Or. en

Emenda 140
Gabriella Gerzsenyi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Jenfasizza r-rispett għall-istat tad-dritt biex jiġi żgurat li r-riżorsi tal-Unjoni jintużaw b'mod trasparenti, ġust u responsabbli b'ġestjoni finanzjarja tajba; iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-kooperazzjoni tagħha mal-awtoritajiet tal-Istati Membri fil-livelli kollha biex jiġu evitati diżimpenji, proġetti mhux realizzati u kwalunkwe manipulazzjoni politika tal-allokazzjoni tal-fondi; jisħaq, għalhekk, fuq il-ħtieġa li jiġi introdott mekkaniżmu ta' "kundizzjonalità intelliġenti" u li jiżdied is-sehem ta' finanzjament dirett aċċessibbli għall-benefiċjarji finali;

Or. en

Emenda 141
Matthias Ecke, Sabrina Repp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Jitlob li r-Regolamenti dwar Dispożizzjonijiet Komuni (RDK), il-programmi u n-negozjati dwar il-baġit

jiġu ffinalizzati mill-anqas sena qabel il-bidu tal-perjodu ta' finanzjament il-ġdid sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jiżviluppaw l-istrateġiji ta' finanzjament nazzjonali tagħhom fi żmien xieraq biex jiżguraw tranżizzjoni ta' suċċess għall-perjodu ta' finanzjament li jmiss kif ukoll il-kontinwazzjoni ta' proġetti FSIE eżistenti;

Or. en

Emenda 142
Francesco Ventola, Denis Nesci, Antonella Sberna, Giuseppe Milazzo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' flessibbiltà akbar fil-ġestjoni tal-fondi ta' koeżjoni, billi l-awtoritajiet u l-partijiet ikkonċernati lokali jkollhom aċċess għal riżorsi għal implimentazzjoni tal-politika aktar effettiva;

Or. en

Emenda 143
Ľubica Karvašová, Ciaran Mullooly, Sandro Gozi, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Dan Barna

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3b. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' komplementarjetajiet u sinerġiji bejn għodod ta' finanzjament differenti kif ukoll bejn il-politika ta' koeżjoni u politiki rilevanti oħrajn; jenfasizza li l-politika ta' koeżjoni tista' tikkontribwixxi għall-kompetittività billi tibni pedamenti solidi

tal-infrastruttura, inklużi s-settur tat-trasport, is-settur diġitali, is-settur edukattiv u s-settur soċjali; jenfasizza l-importanza li jitrawmu l-komunitajiet permezz tal-kultura, li r-reġjuni jsiru aktar attraenti għaż-żgħażagħ, li jitrawwem it-talent lokali u li jiġi indirizzat l-eżodu ta' mħuħ, speċjalment f'żoni li qed jiffaċċjaw id-depopolazzjoni;

Or. en

Emenda 144
Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3b. Jenfasizza li l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) għandu rwol ewlieni flimkien mal-fondi tal-Politika ta' Koeżjoni fl-appoġġ ta' żoni rurali; jisħaq li jekk il-FAEŻR jibqa' fl-ambitu tal-Politika Agrikola Komuni, id-disinn tiegħu jrid jallinja mar-regoli tal-fondi tal-Politika ta' Koeżjoni biex jissaħħu s-sinerġiji u jiġu ffaċilitati proġetti ta' żvilupp rurali ffinanzjati minn aktar minn fond wieħed;

Or. en

Emenda 145
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3b. Iqis li approċċ ġdid dwar l-awditi u l-kontrolli għandu jitnaqqax fil-Politika

ta' Koeżjoni li jmiss, filwaqt li jintroduċi kontrolli preventivi eżegwiti fil-bidu tal-perspettiva baġitarja biex tiġi skoperta u eliminata l-possibbiltà li jiġu ripetuti żbalji potenzjali fi snin sussegwenti tal-implimentazzjoni;

Or. en

Emenda 146
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3c. Jemmen li s-sistema eżistenti tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali (NCPs) li jeżistu fl-ambitu ta' diversi programmi ta' ġestjoni diretta għandha tiġi inkorporata fil-programmazzjoni fil-livell nazzjonali u reġjonali tal-programmi ta' koeżjoni u ta' żvilupp rurali sabiex jiġi żgurat li hemm sinerġiji fil-bini tal-kapaċitajiet bejn programmi ta' ġestjoni ċentrali u kondiviżi li joperaw fl-istess territorju u fuq l-istess politika;

Or. en

Emenda 147
Ľubica Karvašová, Ciaran Mullooly, Sandro Gozi, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Dan Barna

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3c. Jenfasizza l-importanza tas-simplifikazzjoni fil-politika ta' koeżjoni u jorbot dan mal-proposta li l-mandat tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku

Ewropew (UPPE) jiġi estiż għall-qasam tal-politika ta' koeżjoni, filwaqt li jiġu żgurati trasparenza u obbligu ta' rendikont akbar fil-ġestjoni tal-fondi;

Or. en

Emenda 148
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3d. Jappella għat-tkomplija tal-Inizjattiva Urbana u għal aċċess aktar dirett għall-finanzjament tal-UE mill-bliet, mir-reġjuni u mill-awtoritajiet urbani fil-perjodu ta' programmazzjoni ġdid;

Or. en

Emenda 149
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3e. Jenfasizza l-importanza li jinżamm il-Prinċipju tas-Sħubija u l-kodiċi ta' kondotta Ewropew dwar is-sħubija fil-programmazzjoni, fl-implimentazzjoni u fil-monitoraġġ kollu tal-politika ta' koeżjoni tal-UE u li tiġi stabbilita kooperazzjoni b'saħħitha bejn l-awtoritajiet reġjonali u lokali, l-NGOs u l-partijiet ikkonċernati, inklużi l-NGOs ambjentali; jisħaq li dan il-proċess għandu jqis ukoll il-perspettiva tal-

ġeneru;

Or. en

Emenda 150
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3f. Jissuġġerixxi li Kodiċi ta' Kondotta Ewropew rivedut għandu jiġi integrat direttament f'Regolament dwar Dispożizzjoni Komuni biex tiġi żgurata n-natura vinkolanti tiegħu, u jistieden lill-Kummissjoni tesplora miżuri biex issaħħaħ is-setgħat ta' sorveljanza u monitoraġġ tal-Parlament fuq Ftehimiet u Programmi ta' Sħubija;

Or. en

Emenda 151
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3g (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3g. Ifakkar fl-importanza ta' integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u bbaġitjar skont il-ġeneru aktar sodi fil-politika ta' koeżjoni li jirrappreżentaw benefiċċju reali tad-distribuzzjoni tal-fondi;

Or. en

Emenda 152
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3h (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3h. Ifakkar li, f'konformità mal-Artikolu 11.2 tat-TUE, l-istituzzjonijiet tal-UE jeħtiġilhom iżommu djalogu miftuħ, trasparenti u strutturat mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u mal-assoċjazzjonijiet rappreżentanti; jisħaq b'mod partikolari f'dan ir-rigward li l-aċċess għal finanzjament strutturali huwa prerekwiżit biex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni pubblika, li mingħajrha ma jkunx possibbli għaċ-ċittadini li jkollhom il-vuċi tagħhom imwassla fil-livell tal-UE permezz tal-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, li jżommu djalogu regolari mal-istituzzjonijiet tal-UE billi jikkontribwixxu għal parteċipazzjoni demokratika fit-tfassil tal-politika, li jistabbilixxu djalogu miftuħ u b'firxa wiesgħa, billi jiżguraw li d-diversità tal-fehmiet u tħassib titqies b'aċċess ugwali għall-interess pubbliku meta mqabbla ma' interess kummerċjali, li jeżerċitaw rwol ta' monitoraġġ fuq l-implimentazzjoni tal-politiki u tal-leġiżlazzjoni tal-UE, inkluż l-użi ta' fondi tal-UE, jew li jaġixxu bħala sistema ta' kontrokontrolli għall-istat tad-dritt; ifakkar fl-impenn tal-Kummissjoni fil-linji gwida politiċi tagħha li ttejjeb il-ħidma tagħha ma' organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili li għandhom għarfien espert u rwol importanti fid-difiża ta' kwistjonijiet speċifiċi tas-soċjetà u ż-żamma tad-drittijiet tal-bniedem; ifakkar li dan jimplika li, filwaqt li l-Kummissjoni ma għandhiex tawtorizza lill-NGOs biex jagħmlu ċerti attivitajiet jew jappoġġjaw pożizzjonijiet jew politiki speċifiċi, jibqa' fundamentali li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, permezz ta' finanzjament

tal-UE, jistgħu jinvolvu ruħhom fi "djalogu miftuħ, trasparenti u strutturat mal-istituzzjonijiet tal-UE" kif minqux fl-Artikolu 11 tat-TUE permezz ta' attivitajiet bħal attivitajiet ta' konsulenza, dimostrazzjonijiet jew azzjonijiet ġudizzjarji u li dawn għandhom jibqgħu eliġibbli fil-programmi ta' finanzjament rilevanti u għandhom biżżejjed finanzjament iddedikat disponibbli;

Or. en

Emenda 153
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3i (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3i. Jenfasizza r-rwol importanti tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni; jappella għall-implimentazzjoni shiħa u l-applikazzjoni korretta tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017; jissottolinja wkoll li l-politika ta' koeżjoni ma tridx tikkontribwixxi għall-użu ħażin tal-fondi tal-UE jew għal aktar deterjorament tal-Istat tad-Dritt u d-demokrazija fl-Istati Membri;

Or. en

Emenda 154
André Rougé, Rody Tolassy

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu flessibbiltà akbar lir-reġjuni, diġà fl-istadju tal-ipprogrammar, sabiex jaqdu l-ħtiġijiet u l-ispeċifiċitajiet partikolari tagħhom; iqis li huwa meħtieġ li jiġi kkunsidrat it-tbegħid minn konċentrazzjoni tematika riġida li hija uniformi fir-reġjuni kollha;	4. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu flessibbiltà akbar lir-reġjuni, diġà fl-istadju tal-ipprogrammar, sabiex jaqdu l-ħtiġijiet u l-ispeċifiċitajiet partikolari tagħhom; iqis li huwa meħtieġ li jiġi kkunsidrat it-tbegħid minn konċentrazzjoni tematika riġida li hija uniformi fir-reġjuni kollha; ***u li l-Unjoni jeħtiġilha tieħu vantaġġ mill-ispeċifiċitajiet ġeografiċi, insulari u dawk klimatiċi tar-reġjuni ultraperiferiċi, biex meta jkun xieraq, tipproponi reġjuni ultraperiferiċi skont reġjuni ultraperiferiċi, l-aġġustamenti li jitolbu l-atturi politiċi u ekonomiċi ta' dawn ir-reġjuni kull meta jkun meħtieġ, b'mod partikolari billi jiġu appoġġjati l-istandards agrikoli adattati għar-realtajiet tal-klima tropika u subtropika tal-maġġoranza ta' dawn ir-reġjuni, li huma sorsi ta' differenzi fix-xemx u x-xita meta mqabbel mal-kontinent Ewropew; iqis, barra minn hekk, li t-tibdil fil-klima li issa r-reġjuni ultraperiferiċi ġew wisq esposti għalih joħloq fenomeni klimatiċi estremi bħal nixfiet u ċikluni, li għalhekk jiġġustifika l-flessibbiltà fil-programmazzjoni tal-fondi;***

Or. fr

Emenda 155
Rody Tolassy, André Rougé

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu flessibbiltà akbar lir-reġjuni, diġà ***fl-istadju*** tal-ipprogrammar, sabiex jaqdu l-ħtiġijiet u l-ispeċifiċitajiet ***partikolari tagħhom***; iqis li huwa meħtieġ li jiġi ***kkunsidrat it-tbegħid minn***	4. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu flessibbiltà akbar lir-reġjuni, diġà ***fil-fażi*** tal-ipprogrammar, sabiex ***jippermettulhom jippromwovu investimenti strateġiċi fl-amministrazzjonijiet lokali u reġjonali.***

konċentrazzjoni tematika ***riġida li hija*** uniformi ***fir-reġjuni*** kollha;	***Dawn l-investimenti għandhom l-għan li jsaħħu sistema essenzjali għall-implimentazzjoni tal-programmi filwaqt li jitqiesu*** l-ħtiġijiet u l-ispeċifiċitajiet ***speċifiċi għal kull territorju***; iqis li huwa meħtieġ li jiġi ***rieżaminat l-approċċ attwali sabiex titnaqqas il-konċentrazzjoni*** tematika ***u b'hekk tiġi evitata applikazzjoni riġida u*** uniformi ***għar-reġjuni*** kollha;

Or. fr

Emenda 156
Waldemar Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu flessibbiltà akbar lir-reġjuni, diġà fl-istadju tal-ipprogrammar, sabiex jaqdu l-ħtiġijiet u l-ispeċifiċitajiet partikolari tagħhom; iqis li huwa meħtieġ li jiġi kkunsidrat it-tbegħid minn konċentrazzjoni tematika riġida li hija uniformi fir-reġjuni kollha;	4. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu flessibbiltà akbar lir-reġjuni, diġà fl-istadju tal-ipprogrammar, sabiex jaqdu l-ħtiġijiet u l-ispeċifiċitajiet partikolari tagħhom; iqis li huwa meħtieġ li jiġi kkunsidrat it-tbegħid minn konċentrazzjoni tematika riġida li hija uniformi fir-reġjuni kollha; ***jemmen li b'mod partikolari l-programmi ta' kooperazzjoni transfruntiera għandhom ikunu eżentati minn regoli ta' konċentrazzjoni tematika, jew dawn għandhom ikunu anqas stretti b'mod sinifikanti, biex jippermettu lir-reġjuni u lill-bliet jipproponu proġetti li jissodisfaw il-ħtiġijiet reali tagħhom;***

Or. en

Emenda 157
Ľubica Karvašová, Sandro Gozi, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Dan Barna

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu flessibbiltà akbar lir-reġjuni, diġà fl-istadju tal-ipprogrammar, sabiex jaqdu l-ħtiġijiet u l-ispeċifiċitajiet partikolari tagħhom; iqis li huwa meħtieġ li jiġi kkunsidrat it-tbegħid minn konċentrazzjoni tematika riġida li hija uniformi fir-reġjuni kollha;	4. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu flessibbiltà akbar lir-reġjuni, diġà fl-istadju tal-ipprogrammar, sabiex jaqdu l-ħtiġijiet u l-ispeċifiċitajiet partikolari tagħhom; iqis li huwa meħtieġ li jiġi kkunsidrat it-tbegħid minn konċentrazzjoni tematika riġida li hija uniformi fir-reġjuni kollha ***filwaqt li tinżamm enfasi fuq Ewropa ħielsa mill-karbonju u b'investiment fit-tranżizzjoni tal-enerġija, fis-sorsi rinnovabbli u fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima***;

Or. en

Emenda 158
Sérgio Gonçalves, Marcos Ros Sempere, Hannes Heide, Rosa Serrano Sierra, Nora Mebarek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu flessibbiltà akbar lir-reġjuni, diġà fl-istadju tal-ipprogrammar, sabiex jaqdu l-ħtiġijiet u l-ispeċifiċitajiet partikolari tagħhom; ***iqis li huwa meħtieġ li jiġi kkunsidrat it-tbegħid minn konċentrazzjoni*** tematika ***riġida li hija uniformi fir-reġjuni kollha***;	4. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu flessibbiltà akbar lir-reġjuni, diġà fl-istadju tal-ipprogrammar, sabiex jaqdu l-ħtiġijiet u l-ispeċifiċitajiet partikolari tagħhom; ***jissuġġerixxi li l-konċentrazzjoni*** tematika***, meħtieġa biex jintlaħqu l-miri klimatiċi tal-UE, b'mod ġenerali ma għandhiex tiġi interpretata b'mod riġidu wisq fi Stat Membru, f'konformità mal-approċċ ibbażat fuq il-post***;

Or. en

Emenda 159
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu flessibbiltà akbar lir-reġjuni, diġà fl-istadju tal-ipprogrammar, sabiex jaqdu l-ħtiġijiet u l-ispeċifiċitajiet partikolari tagħhom; iqis li huwa meħtieġ li ***jiġi kkunsidrat it-tbegħid minn*** konċentrazzjoni tematika ***riġida li hija uniformi fir-reġjuni kollha***;	4. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu flessibbiltà akbar lir-reġjuni, diġà fl-istadju tal-ipprogrammar, sabiex jaqdu l-ħtiġijiet u l-ispeċifiċitajiet partikolari tagħhom; iqis li huwa meħtieġ li ***tiġi ppreżervata*** konċentrazzjoni tematika ***b'kontribut saħansitra akbar għall-objettivi relatati mal-klima sabiex tinżamm orjentazzjoni strateġika tal-politika lejn l-ilħuq tal-miri klimatiċi tal-UE***;

Or. en

Emenda 160
Kathleen Funchion
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu flessibbiltà akbar lir-reġjuni, diġà fl-istadju tal-ipprogrammar, sabiex jaqdu l-ħtiġijiet u l-ispeċifiċitajiet partikolari tagħhom; ***iqis li huwa meħtieġ li jiġi kkunsidrat it-tbegħid minn konċentrazzjoni tematika riġida li hija uniformi fir-reġjuni kollha;***	4. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu flessibbiltà akbar lir-reġjuni, diġà fl-istadju tal-ipprogrammar, sabiex jaqdu l-ħtiġijiet u l-ispeċifiċitajiet partikolari tagħhom;

Or. en

Emenda 161
Dan Barna, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Joachim Streit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu flessibbiltà akbar lir-reġjuni, diġà fl-istadju tal-ipprogrammar, sabiex jaqdu l-ħtiġijiet u l-ispeċifiċitajiet partikolari tagħhom; iqis li huwa meħtieġ li jiġi kkunsidrat it-tbegħid minn konċentrazzjoni tematika riġida li hija uniformi fir-reġjuni kollha;	4. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu flessibbiltà akbar lir-reġjuni, diġà fl-istadju tal-ipprogrammar, sabiex jaqdu l-ħtiġijiet u l-ispeċifiċitajiet partikolari tagħhom***, filwaqt li jenfasizza l-ħtieġa li jiġu involuti l-atturi ekonomiċi u ċivili***; iqis li huwa meħtieġ li jiġi kkunsidrat it-tbegħid minn konċentrazzjoni tematika riġida li hija uniformi fir-reġjuni kollha;
	Or. en

Emenda 162
Waldemar Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jissottolinja l-importanza tal-programm Interreg għar-reġjuni transfruntiera matul l-aħħar 35 sena; jirrimarka li aktar minn terz taċ-ċittadini tal-UE jgħixu f'reġjuni tal-fruntiera u jenfasizza r-rwol importanti ta' Interreg A fil-kontribut għall-iżvilupp ta' dawn ir-reġjuni u fl-indirizzar tal-ostakli transfruntiera, inkluż, fost l-oħrajn, il-bini tal-fiduċja bejn il-fruntieri, l-iżvilupp ta' konnessjonijiet tat-trasport, l-identifikazzjoni u t-tnaqqis tal-ostakli legali u amministrattivi u ż-żieda tal-provvista u tal-użu ta' servizzi pubbliċi transfruntiera;
	Or. en

Emenda 163
Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jappella għal deċentralizzazzjoni akbar tat-teħid tad-deċiżjonijiet għal-livelli lokali u reġjonali; jinsisti fuq il-parteċipazzjoni sħiħa tal-awtoritajiet lokali u reġjonali f'kull stadju tal-programmi ta' ġestjoni kondiviża tal-UE, mit-tħejjija u l-ipprogrammar sal-implimentazzjoni, it-twassil u l-evalwazzjoni; jenfasizza li l-awtoritajiet lokali u reġjonali huma sħab vitali fit-twassil tal-aġenda politika tal-UE fil-prattika, minħabba li jimmaniġġjaw aktar minn 50 % tal-investimenti pubbliċi totali mwettqa mill-gvernijiet;

Or. en

Emenda 164
Dan Barna, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Joachim Streit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jappella għal involviment akbar tal-awtoritajiet lokali u reġjonali u tal-atturi ekonomiċi u ċivili fl-implimentazzjoni tal-prijoritajiet tal-politika ta' koeżjoni filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu li l-iżvilupp ekonomiku u soċjali jista' jintlaħaq biss b'kooperazzjoni tajba bejn l-atturi kollha u jenfasizza l-ħtieġa ta' aġenda speċifika għall-bliet u għaż-żoni metropolitani li għandhom il-partikolaritajiet u ħtiġijiet tagħhom;

Or. en

Emenda 165

Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jisħaq fuq ir-rwol kruċjali li għandhom l-investimenti f'servizzi pubbliċi ta' kwalità għolja biex jibnu r-reżiljenza soċjali u jindirizzaw il-kriżijiet ekonomiċi, tas-saħħa u soċjali; jemmen, barra minn hekk, li l-finanzjament għandu jkun aktar immirat lejn l-investiment fin-nies, peress li l-ekonomiji tar-reġjuni tal-UE jistgħu jingħataw spinta permezz ta' taħlita effettiva ta' investimenti fl-innovazzjoni, fil-kapital uman, fil-governanza tajba u fil-kapaċità istituzzjonali;

Or. en

Emenda 166
Sérgio Gonçalves, Marcos Ros Sempere, Hannes Heide, Rosa Serrano Sierra, Nora Mebarek, Sabrina Repp, Klára Dobrev, Matthias Ecke

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-politika ta' koeżjoni wriet fil-passat reċenti l-kapaċità tagħha li tindirizza avvenimenti mhux previsti, bi flessibbiltà u reattività; jisħaq li, madankollu, ma għandhiex, tiddevja mill-objettivi ewlenin tagħha, jiġifieri min-natura ta' investiment fit-tul tagħha u ma għandhiex tingħata skop ġdid bħala kapaċità ta' akkwist ġenerali tal-UE biex tindirizza l-isfidi li ġejjin;

Or. en

Emenda 167
André Rougé

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jqisu li l-istandards Ewropej tas-sajd mhumiex applikabbli b'mod korrett għal Mayotte u Guyana minħabba d-daqs iżgħar tal-flotot lokali; minħabba f'hekk iridu jinħolqu standards tas-sajd għal dawn ir-reġjuni ultraperiferiċi;

Or. fr

Emenda 168
Jacek Protas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jappella għal demarkazzjoni ċara bejn il-politika ta' koeżjoni u strumenti oħrajn, sabiex jiġu evitati koinċidenzi u kompetizzjoni bejn l-istrumenti tal-UE, tiġi żgurata l-komplementarjetà tad-diversi interventi, u tiżdied il-viżibbiltà u l-leġġibbiltà tal-appoġġ tal-UE;

Or. en

Emenda 169
Marta Wcisło

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jappella għal aktar żviluppi li jippermettu assorbiment aħjar tal-fondi ta' koeżjoni, inklużi livelli ta' kofinanzjament akbar, pagamenti antiċipati ogħla, u rimborżi ta' investiment aktar malajr;

Or. en

Emenda 170
Krzysztof Hetman

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa soluzzjonijiet li jippermettu l-użu aktar flessibbli tal-fondi, inkluża l-possibbiltà li jiġi ffinanzjat l-iżvilupp ta' prodotti b'użu doppju;

Or. pl

Emenda 171
Francesco Ventola, Denis Nesci, Antonella Sberna, Giuseppe Milazzo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Iħeġġeġ l-introduzzjoni ta' "żoni mingħajr taxxi" f'reġjuni ekonomikament żvantaġġjati bħala għodda biex jiġi attirat l-investiment privat u jinħolqu opportunitajiet ta' impjieg sostenibbli;

Or. en

Emenda 172
Sérgio Gonçalves, Marcos Ros Sempere, Hannes Heide, Rosa Serrano Sierra, Nora Mebarek, Sabrina Repp, Matthias Ecke, Klára Dobrev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4b. Jappella għal politika ta' koeżjoni li tikkontribwixxi għas-soluzzjoni tal-kriżi tal-akkomodazzjoni fl-UE; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu promossi riformi adegwati biex jitwessa' l-investiment fl-akkomodazzjoni, li jmorru lil hinn miż-żewġ possibbiltajiet attwali (l-effiċjenza enerġetika u l-akkomodazzjoni soċjali) u l-promozzjoni ta' stokk ta' akkomodazzjoni pubblika tal-UE fil-livell tal-Unjoni; jisħaq li huwa meħtieġ investiment soċjali fit-tul sabiex jixpruna t-tkabbir ekonomiku, peress li l-prezzijiet għoljin tal-akkomodazzjoni jpoġġu piż sproporzjonat fuq l-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx, jillimitaw l-introjtu disponibbli u l-infiq f'setturi b'valur għoli bħat-teknoloġija, iwasslu għal nuqqas ta' talenti u jaggravaw l-inugwaljanza ekonomika u reġjonali; jinsisti, barra minn hekk, fuq l-espansjoni tal-inizjattiva URBACT biex tinkludi l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni;

Or. en

Emenda 173
Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4b. Japprova t-talba tar-rapport ta' Draghi li l-isforzi tal-UE jiġu ffukati fejn jagħtu l-akbar valur miżjud, filwaqt li tkun żgurata konformità sħiħa mal-

prinċipju "la tagħmilx ħsara lill-koeżjoni"; iqis li dan l-approċċ se jsaħħaħ l-awtonomija reġjonali, jippermetti lill-awtoritajiet lokali u reġjonali jfasslu l-politiki u l-objettivi tal-UE f'konformità mal-ħtiġijiet, mal-karatteristiċi u mal-kapaċitajiet speċifiċi tagħhom, filwaqt li jiġi ssalvagwardjat il-Prinċipju tas-Sħubija;

Or. en

Emenda 174
Waldemar Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4b. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' programm Interreg finanzjarjament robust u jitlob li l-finanzjament għal Interreg A fil-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss jiġi rduppjat, minħabba l-ħtieġa li tingħata spinta lill-kooperazzjoni bejn il-fruntieri wara li batiet minn tnaqqis relatat ma' restrizzjonijiet tal-COVID-19 u l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna;

Or. en

Emenda 175
Waldemar Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4c. Jissottolinja l-ħtieġa partikolari li tissaħħaħ il-kooperazzjoni transfruntiera bejn is-servizzi pubbliċi u b'mod speċjali s-servizzi ta' emerġenza, minħabba li

dawn l-ostakli jistgħu jiswew ħajjiet bla bżonn; jissottolinja r-rwol tal-programm Interreg bħala l-istrument ewlieni tal-UE biex jiġu indirizzati l-ostakli transfruntiera persistenti li jiffaċċjaw is-servizzi ta' emerġenza, u jipproponi enfasi aktar prominenti fuq is-servizzi ta' emerġenza f'dawn il-programmi;

Or. en

Emenda 176
Waldemar Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4d. Jappella għal proposta għal mudell ta' konvenzjoni qafas għall-ftehimiet bilaterali/multilaterali dwar il-kooperazzjoni f'emerġenzi transfruntiera, preferibbilment li tkopri t-tipi kollha ta' emerġenzi; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tesplora l-għażla li tipproponi leġiżlazzjoni tal-UE ġdida (jew temenda l-qafas leġiżlattiv eżistenti) biex tnaqqas, tal-anqas parzjalment, id-disparitajiet leġiżlattivi eżistenti f'reġjuni tal-fruntiera fejn mhumiex stabbiliti ftehimiet intergovernattivi;

Or. en

Emenda 177
Waldemar Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4e. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jkun hemm enfasi fuq it-tħejjija u biex minn talbiet

għal assistenza ngħaddu għal provvista transfruntiera awtomatika ta' servizzi ta' emerġenza; iħeġġeġ, f'dan ir-rigward, il-ħolqien ta' strutturi transfruntiera permanenti bħal Ewroreġjuni, u żoni funzjonali transfruntiera biex tiġi ffaċilitata l-provvista tas-servizzi ta' emerġenza bejn il-fruntieri; jissottolinja l-potenzjal li Interreg A jintuża biex jiġu appoġġjati żoni funzjonali transfruntiera permezz ta' strumenti integrati (eż. l-Investimenti Territorjali Integrata (ITI) u l-Iżvilupp Lokali Mmexxi mill-Komunità (CLLD)), u jappella għas-simplifikazzjoni ulterjuri tagħhom biex ikunu jistgħu jintużaw b'mod faċli f'kuntest transfruntier;

Or. en

Emenda 178
Sérgio Gonçalves, Marcos Ros Sempere, Hannes Heide, Rosa Serrano Sierra, Nora Mebarek, Sabrina Repp, Matthias Ecke

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jirrikonoxxi li t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi ***u*** diġitali jippreżentaw sfidi sinifikanti għall-objettiv tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali; huwa konxju mir-riskju li jikbru d-disparitajiet reġjonali, li jiżdiedu l-inugwaljanzi soċjali u li tissaħħaħ il-"ġeografija tal-iskuntentizza" relatata mal-proċess ta' tranżizzjoni;	5. Jirrikonoxxi li t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi***,*** diġitali ***u demografiċi*** jippreżentaw sfidi sinifikanti għall-objettiv tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali; huwa konxju mir-riskju li jikbru d-disparitajiet reġjonali, li jiżdiedu l-inugwaljanzi soċjali u li tissaħħaħ il-"ġeografija tal-iskuntentizza" relatata mal-proċess ta' tranżizzjoni; ***jissottolinja l-ħtieġa li jsir investiment fi proġetti ta' infrastruttura li jsaħħu l-konnettività, b'mod partikolari fit-trasport sostenibbli intelliġenti, kif ukoll f'networks tal-enerġija u diġitali, filwaqt li jiġi żgurat li r-reġjuni kollha, inklużi dawk remoti u anqas żviluppati, ikunu integrati b'mod sħiħ fis-Suq Uniku u jibbenefikaw b'mod***

ekwu mill-opportunitajiet li jipprovdi;

Or. en

Emenda 179
Dan Barna, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Joachim Streit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
